# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAS-16 TA' MARZU, 2023**

**Kawża fuq il-lista numru: 7**

**Rik. Ġur. 490/2019 RGM**

**Maria Carmela sive Carmen Vella (K.I. 1060146M) u**
**Maria Stella sive Marisa Schiro (K.I. 27248M)**

**vs.**

**Joseph Vella (K.I. 320769M) u**
**b'digriet tal-11 ta' Frar 2020 Dr Raisa Colombo u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud ġew maħtura bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredita gjaċenti tal-mejta Maria Meli**
**u b'digriet tal-31 t'Awwissu 2020 ġiet nomintata Dr. Fransina Abela minflok Dr. Raisa Colombo.**

**Il-Qorti:**

1. *Din hija sentenza dwar talba għas-sehem riżervat mill-wirt ta' omm l-atturi wara li rrinunzjaw għall-wirt tagħha minħabba li b'donazzjoni ġie leż is-sehem disponibbli ta' ommhom.*

**Daħla**.

2. B'**rikors ġuramentat** tal-20 ta' Mejju 2019 l-atturi fissru li huma ulied il-mejta Maria Meli li mietet fis-17 t'Ottubru 2018 u li l-konvenut Joseph Vella (minn issa 'l quddiem il-konvenut Vella) huwa iben l-attriċi Maria Carmela sive Carmen Vella (minn issa 'l quddiem Carmen Vella) u n-neputi tal-attriċi Maria Stella sive Marisa Schiro (minn issa 'l quddiem Marisa Schiro). Ippremettew li b'kuntratt ta' donazzjoni tat-28 ta' Ġunju 2013 fl-atti tan-Nutar Sharon Faith Farrugia, u ad insaputa tagħhom, ommhom ittrasferit il-proprjeta parafernali tagħha bin-numru uffiċċjali 48, Luqa Road, Paola u r-remissa, l-kappella Ġesu Nazzareno u l-ġnien li jinfdu mal-istess dar, liema remissa għandha bieb ieħor fi Triq Ħal Saflieni inkluż l-arja libera tal-istess dar, soġġetta għal piż piju annwu u perpetru ta' €4.66 dovuti lil Church of Jesus Nazareth, altrimenti libera u franka.

3. Fissru kif skont it-testment tal-mejta tat-22 ta' Marzu 2014 fl-atti tan-Nutar Amanda Grech, hija nnominat bħala eredi universali tagħha lill-atturi u dan wara li jitħallsu l-legati u l-prelegati hemm imsemmija. Jippremettu li malli saru jafu bid-donazzjoni huma rrinunzjaw għall-eredita tal-mejta ommhom u rriservaw id-dritt tal-prozjon riservat dovut lilhom skont il-liġi, iżda ma rrinunzjawx għall-eredita tal-mejjet missierhom Arturo Meli li miet fit-22 ta' Mejju 1999. L-attriċi Carmen Vella għandha tlett ulied u ċioe lill-konvenut Joseph Vella kif ukoll lil Louis Vella u Maria Victoria Vella. Louis u Maria Victoria aħwa Vella stante r-rinunzja t'ommhom, huwa wkoll irrinunzjaw għall-eredita ta' nannithom. Marisa Schiro m'għandhiex tfal. L-atturi fissru li konsegwenza ta' dawn ir-rinunzji, l-eredita ta' Maria Meli għaddiet fuq l-unika neputi u preżunt eredi l-konvenut Joseph Vella. Komplew jippremettu li l-proprjeta fuq imsemmija, taqbeż il-valur tas-sehem disponibbli mill-eredita tal-istess Maria Meli u b'hekk dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kollazzjoni minkejja li ġie

donat u dan ai termini tal-Artikolu 913 (1) tal-Kapitolu 16 u jrid jitpoġġa fil-massa ereditarja tad-defunta Maria Meli.

4. Ippremettew li b'ittra uffiċjali tal-11 ta' Frar 2019 huma talbu lill-konvenut sabiex jersaq għal-likwidazzjoni tal-porzjon riservat flimkien mal-imgħax tat-8% fis-sena iżda l-konvenut ma resaqx għal-likwidazzjoni tas-sehem riservat u l-imgħaxijiet u kien għalhekk li talbu lil din il-Qorti toħroġ l-opportun mandat ta' inibizzjoni Nru 464/2019 MCH fl-ismijiet fuq premessi u liema ġie degretat fis-6 ta' Mejju 2019.

5. Għalhekk li b'din l-azzjoni l-atturi qegħdin iresqu s-segwenti talbiet:

"i. Tiddikjara u tiddeciedi fuq il-konsistenza ta' l-assi immobbiljari u mobiljari, drittijiet reali u personali konsistenti l-komunjoni ta' l-akkwisti, ezistenti bejn il-mejta Maria Meli u l-mejjet zewgha Arturo Meli, kif ukoll l-assi parafernali tal-mejta Maria Meli u tal-mejjet Arturo Meli u kull proprjeta ohra li l-imsemmija Maria Meli kellha u li ddonat lill-intimat tul hajjitha b'mod partikolari tal-proprjeta ossia dar li ggib in-numru 48 gja 20 gja 30 Luqa Road, Paola u r-remissa, il-Kappella Gesu Nazzarenu u l-gnien li jinfed mal-istess dar liema remissa ghandha bieb iehor f'Hal Salfieni Street, inkluz l-arja libera ta' l-istess dar bhala soggetta l-imsemmija dar ghal piz piju (pious burden) annwu u perpetwu ta' ERUO 4.66c ekwivalenti ghal skopijiet ta' informazzjoni biss ghal zew liri Maltin (Lm2) u kamra accessibbli mill-istess dar kif ukoll garaxx accessibbli minn Hal Saflieni Street, Paola, liema fond huwa mibni fuq kwartier b'access minn zewg toroq paralleli ossija Luqa Road, Paola u Hal Saflieni Street, Paola.

ii. Tillikwida u tiddividi l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn Arturo u Maria konjugi Meli f'zewg porzjonijiet ugwali kif ukoll l-assi parafernali tal-konjugi Meli.

iii. Tassenja l-porzjon likwidat tal-komunjoni tal-akkwisti u parafernali tal-mejjet Arturo Meli f'zewg porzjonijiet wahda lir-rikorrenti Maria Carmela Vella u l-ohra lir-rikorrenti Maria Stella Schiro.

iv. Tassenja l-porzjoni likwidat mill-komunjoni tal-akkwisti u parafernali tal-mejta Maria Meli lill-intimat Joseph Vella.

v. Tillikwida s-sehem riservat dovut lir-rikorrenti mill-eredita tal-mejta ommhom Maria Meli inkluz l-imghaxijiet bir-rata stabbilita fl-Artikolu 1139 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta liema sehem m'ghandux ikun anqas minn terz (1/3) mill-valur tal-eredita' tal-mejta Maria Meli u tal-proprjeta li hija ddonat tul hajjitha, b'mod partikolari tal-proprjeta ossia dar li ggib in-numru 48 gja 20 gja 30 Luqa Road, Paola u r-remissa, il-Kappella Gesu Nazzarenu u l-gnien li jinfed mal-istess dar liema remissa ghandha bieb iehor f'Hal Salfieni Street, inkluz l-arja libera ta' l-istess dar bhala soggetta l-imsemmija dar ghal piz piju (pious burden) annwu u perpetwu ta' ERUO 4.66c ekwivalenti ghal skopijiet ta' informazzjoni biss ghal zew liri Maltin (Lm2) u kamra accessibbli mill-istess dar kif ukoll garaxx accessibbli minn Hal Saflieni Street, Paola, liema fond huwa mibni fuq kwartier b'access minn zewg toroq paralleli ossija Luqa Road, Paola u Hal Saflieni Street, Paola, u dan jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, kif ukoll l-assi mobbiljari li l-istess Maria Meli kellha mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u bejn l-mejjet zewgha Arturo Meli u dak appartenenti parafernalment lilha.

vi. Tikkundanna lill-intimat jhallas lir-rikorrenti is-sehem riservat dovut lilhom mill-eredita tal-mejta ommhom Maria Meli inkluz l-imghaxijiet bir-rata stabbilita fl-Artikolu 1139 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sad-data tal-effettiv pagament mis-17 ta' Ottubru 2018.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Frar 2019 u tal-mandat ta' inibizzjoni 464/2019 MCH u bl-ingunzjoni tal-intimat ghas-subizzjoni."

6. B'**risposta ġuramentata** tal-1 ta' Lulju 2019 il-konvenut irrisponda li m'huwiex il-leġittimu kontradittur stante illi "huwa qed jirrinunzja ghall-wirt tal-mejta Maria Meli."[1]

7. Fuq talba tal-atturi għal nomina ta' Perit Tekniku, il-Qorti fit-13 ta' Frar 2020 nnominat bħala **perit tekniku** lill-**Perit Godwin Abela** a spejjeż proviżorjament tal-atturi, sabiex jistma l-valur fis-suq tal-proprjetajiet immobiljari mertu tal-kawża u dan relattiv il-ġurnata tal-mewt ta' Maria Meli u ċioe s-17 t'Ottubru 2018. L-atturi iddikjaraw ukoll li bi ħsiebhom joqgħodu fuq l-istima li ser jagħti

[1] Fol 65 tal-proċess.

Eleno Mamo rigward mobbli formanti parti mill-eredita ta’ Maria Meli, salv il-verifika tal-konsistenza tal-mobbli u fajjenza li s-Sur Mamo ser jistma.

8. Il-**kuraturi deputati b’risposta ġuramentata** tal-20 ta’ Lulju 2020 eċċepew li huma m’humiex edotti mill-fatti u rriservaw id-dritt li jippreżentaw risposta f’każ li jiġu edotti mill-fatti u wkoll irriservaw id-dritt li jippreżentaw noti u dokumenti fi stadju ulterjuri jekk ikun il-każ.

9. Fis-27 ta’ Novembru 2020 ġie ppreżentat ir-**rapport tal-Perit Tekniku Godwin Abela**, liema relazzjoni ġiet maħlufa fil-5 ta’ Jannar 2021.[2]

10. Fis-16 ta’ Ġunju 2022, il-konvenut Joseph Vella ppreżenta **risposta ġuramentata ulterjuri** fejn ressaq l-eċċezzjoni li l-atturi tilfu kwalunkwe dritt illi jitolbu s-sehem riservat u dan peress illi huma aċċettaw l-eredita tal-mejta. Eċċepixxa wkoll li meta l-atturi għamlu proċedura ta’ rinunzja għall-wirt naqsu milli jagħmlu l-proċedura dettata mil-liġi tal-pubblikazzjoni ta’ inventarju bil-ħwejjeġ appartenenti lill-wirt li jinsabu fil-pussess tagħhom u għalhekk tali rinunzja mhix effettiva u l-wirt ġie aċċettat.

11. Rat li fis-26 t’Awwissu 2022 l-atturi ppreżentaw nota ta’ sottomissjonijiet[3] filwaqt li l-konvenut Joseph Vella ppreżenta nota ta’ sottomissjonijiet fl-1 ta’ Diċembru 2022[4].

12. Il-kawża tħalliet għas-sentenza.

[2] Fol 138 et seq tal-proċess.
[3] Fol 360 et seq tal-proċess.
[4] Fol 368 tal-proċess.

**Provi**

13. L-**atturi** għamlu affidavit. Ġie spjegat f'dan l-affidavit li missierhom miet fit-22 ta' Ġunju 1999 u l-wirt tiegħu għadda permezz ta' testment unica charta tal-25 t'Ottubru 1994 li sar fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon. L-atturi jgħidu li missierhom u ommhom f'dak it-testment kienu ħallew lil Joseph Vella l-garaxx nru 41, Triq Ħal Saflieni, Paola u mill-bqija rreferw għat-testment unica charta tas-16 ta' Frar 1973 li kien sar fl-atti tan-Nutar George Cassar. F'dak it-testment il-ġenituri nnominaw lill-atturi bħala eredi universali soġġett għall-użufrutt reċiproku tagħhom. Jgħidu li ommhom u missierhom kellhom biss kontijiet bankarji mal-Bank HSBC u BoV u la kellhom azzjonijiet, la titoli, la fondi u lanqas bonds. Qalu li "wara li miet i-papa', ahna ddecidejna illi peress li l-mama' ma tantx kellha flus likwidi, illi dak li wiritna minghand il-papa' indawwruh fuq isimha biex hija tkun tista taghmel dak li trid bih, u ahna konna nafu li wara mewtha dan kollu kien ser jaqa' fuqna b'mod indaqs."[5] Ikomplu jgħidu li huma ma ħadu xejn mill-wirt ta' missierhom u issa qegħdin jippretendu li nofs il-flus li għandha ommhom fuq isimha, fil-fatt jappartjenu għal ġid ta' missierhom u għandhom jinqasmu bejnha u bejn Marisa. Jgħidu li Joseph Vella kien inganna lill-ommhom; jgħidu wkoll li hu u martu qatt m'għamlu xejn meta kellha bżonn xi ħaġa ommhom, imma kienu huma u l-irġiel tagħhom li kienu jieħdu ħsieb kollox. Ħalfu wkoll li ommhom kienet qaltilhom li Joseph Vella kien ġiegħla tiffirma karta li ma kinitx taf x'inhi pero kienet taf li ħadilha lit-tabib, qassis u lin-Nutar Lia biex jagħmel testment favur tiegħu u tħallilu d-dar 48, Luqa Road, Paola, liema testment huma eventwalment sabu f'wieħed mill-kxaxen t'ommhom u liema testment kien iġib id-data tal-4 ta' Marzu 2006.. Jgħidu li ommhom iddispjaċiha ħafna ta' dak it-testment, u fit-30 ta' Settembru 2008 fl-atti tan-Nutar Amanda Grech ħassret it-testment tal-4 ta' Marzu 2006. Ikomplu jgħidu li sar ingann ieħor

[5] Fol 51 tal-proċess.

meta b'kuntratt ta' donazzjoni tat-28 ta' Ġunju 2013 fl-atti tan-Nutar Sharon Faith Farrugia, "huwa gieghel lill-ommna tiddonalu dak li suppost kellu jigi ghandna bi dritt bhala uliedha."[6] Komplew jgħidu li ommhom qatt ma qaltilhom li kienet għamlet dik id-donazzjoni pero kienu jafu li fit-22 ta' Marzu 2014 marret tagħmel testment ieħor quddiem in-Nutar Amanda Grech fejn innominat lilhom bħala eredi tagħha. Jgħidu li bid-donazzjoni saru jafu wara li mietet ommhom. Jgħidu li huma jippretendu li jiġu rifużi l-ammont ta' €2,202.33 li huma nefqu għall-funeral ġaladarba rrinunzjaw għall-eredita tagħha. Dwar id-dar li ġiet donata lil Joseph Vella, jgħidu li dik kienet wirtietha ommhom mingħand il-Mons. Alwig Psaila li kien jgħix magħhom u peress li kienet tieħu ħsiebu, huwa ħallielha dak il-ġid; jispjegaw li missierhom ma kellu xejn minn dak il-ġid u huwa kollu parafernali t'ommhom. L-aħwa atturi qegħdin jippretendu li

> "nircievu l-porzjoni rizervata fuq hwejjeg il-mama' u cioe fuq id-dar, fuq l-oggetti kollha tad-dar taghha, kif wkoll fuq il-flus depozitati l-bank. Anzi, rridu nghidu illi l-oggetti kollha tad-dar jridu jinqasmu f'zewg prozjonijiet, wahda f'isem missierna u wahda f'isem il-mama', sehem il-papa' jinqasam bejnietna, waqt li sehem il-mama' jiehdu Joseph Vella. Pero' minn dan jrid jihallas il-porzjoni rizervata, u nezigu l-imghaxijiet mill-mewt taghha ghax ahna ghamilna ittra ufficjali fi zmien sentejn mill-mewt taghha."[7]

14. Xehdet **in kontro-eżami l-attriċi Marisa Schiro**[8] fejn ħalfet li hija ma tafx kemm wirtet fi flus mingħand missierha, pero tikkonferma li kienu taw sehemhom lill-ommhom. Meta ġiet mistoqsija jekk kellhiex ċavetta tal-bieb ta' barra ta' dar t'ommha, ix-xhud qalet li hija kellha pero xi ħadd biddel is-serratura u ċavetta għal dik is-serratura ma kellhiex. Tgħid li kienet ilha mibdula xi erba' snin qabel mietet ommha. Tikkonferma li oħta kellha ċavetta tal-bieb ta' barra tad-dar t'ommha. Spjegat li bħala pensjoni t'ommhom kien jieħu ħsieb iġibilha r-raġel

[6] Fol 53 tal-proċess.
[7] Fol 54 tal-proċess.
[8] Fol. 314 tal-proċess

tagħha. Dwar flus kontanti, x-xhud tikkonferma li ommha kienet iżommhom fil-parti tad-dar li kienet tabita hi fiha, liema parti tad-dar kien jissakkar separatament mill-kumplament tad-dar. Tikkonferma li ċ-ċavetta għal dik il-parti tad-dar qegħdin għand oħtha. Meta ġiet mistoqsija jekk kienx hemm xi raġuni li oħtha ma tatix kopja taċ-ċwievet, ix-xhud tgħid li xi tlett snin qabel mietet ommha, hi kellha diżgwid m'oħtha. Tikkonferma li fid-data tal-mewt t'ommhom huma kienu għadhom miġġildien u reġgħu bdew jitkellmu meta nfetaħ it-testment. Tikkonferma li għalkemm oħtha staqsitha jekk tridx ċavetta tal-bieb tad-dar ta' ommha hija rrifjutatha. Dwar jekk missitx affarijiet mill-parti tad-dar li kienet toqgħod ommha fiha, ix-xhud tgħid li hija resqet l-aħħar lejn dik id-dar meta ommha kienet għada ħajja u qatt ma misset xejn. Dwar iċ-ċifra tat-tlett miljuni, ix-xhud tgħid li kienet ċifra li waslu huma għaliha u mhux għax ġabu perit.

15. Xehdet ukoll **in kontro-eżami l-attriċi Carmen Vella**. Meta ġiet mistoqsija kemm dawwru flus fuq ommhom mill-wirt ta' missierhom, ix-xhud tgħid li fil-Bank of Valletta kien hemm xi Lm700 u HSBC Bank Malta xi Lm16,000. Ikkonfermat li dawn is-somom kienu nofs ta' missierhom u nofs ta' ommhom. Tgħid li hija kienet tmur tara lill-ommha kuljum. Tikkonferma li hija kellha ċavetta tal-bieb ta' barra fejn kienet toqgħod ommha u tal-kmamar tagħha. Tikkonferma li kienet hi u ommha biss li kellha ċ-ċwievet għall-kmamar li kienet toqgħod fihom ommha. Tikkonferma wkoll li ċ-ċwievet għall-kmamar t'ommha għadhom għandha. Tgħid li oħtha ma riditx ċwievet tad-dar u kmamar t'ommha, għalkemm tikjarifika li oħtha kellha ċ-ċavetta tal-bieb ta' barra meta kienet tmur tieħu ħsieb lill-ommha. Tgħid pero' illi aċċess għad-dar pero' ma kienx baqalha peress li s-serratura tal-bieb ta' barra kienet inbidlet mhux minnha f'xi żmien wara l-mewt tal-mama' tagħha.[9] Tgħid li ċavetta tal-kappella

[9] Kontro-Ezami: Dr Joseph Zammit: Ta' dawk il-kmamar biss? Maria Vella: Ghax ic-cavetta tal-bieb ta' barra nbidlet. Dr Joseph Zammit: Ic-cavetta tal-bieb ta' barra nbidlet. Għandek xi cavetta ohra rigward il-fond….." (fol. 342)

m'għandiex lanqas peress li tagħha kienet tagħtha lit-tifla tagħha għax hemm xi affarijiet tagħha fiha. Dwar djamanti u ġojjelli, ix-xhud tgħid li ommha ma kellhiex u l-ftit deheb li kellha tatu lill-atturi matul ħajjitha. Dwar flus ix-xhud tgħid li ommha kienet tgħix biss fuq il-pensjoni u kollox kien jitħallas minnha. Tgħid li wieħed m'hu ħa jsib l-ebda flus fil-kmamar li kienet tgħix ommha. Taħlef li hija ma ħadet xejn mill-post t'ommha wara li mietet għajr għal darba li marret taqta l-lumi u daħlet mill-kmamar t'ommha biex tasal fil-ġnien. Meta ġiet mistoqsija jekk ħaditx statwi u kandlieri, l-attriċi tgħid li hija ħadet l-istatwi meta ommha kienet għadha ħajja u tgħid li oħtha ma ħadet xejn iżda oħtha taf li hija ħadet l-istatwi. Rigwardanti l-valur ta' 3 miljun ewro imsemmi fl-affidavit, l-attriċi tgħid li meta ommha kienet għadha ħajja kellha ħabib perit mistieden għall-ikel u ħaditu d-dar t'ommha biex jaraha u jtiha stima. Hija tgħid li lill-oħtha ma kinitx qaltilha x'ħa tagħmel iżda wara li mietet ommha kienet qaltilha kif għandha valur tal-post.

16. Il-**konvenut** ippreżenta affidavit fejn spjega li meta kien tifel huwa kien jgħix man-nanniet materni tiegħu. Jgħid li wara li tgħarras u kienu qegħdin jippjanaw sabiex jiżżewġu, n-nanniet issuġġerixxew li jmorru jgħixu magħhom, kemm biex ikunu wens għalihom u kemm biex jieħu ħsieb id-dar u l-ġnien kif kien jagħmel. Jgħid li n-nanniet kienu issuġġerixxew li huma jinżlu jgħixu isfel filwaqt li l-konvenut u martu jirranġaw u jgħixu fuq u dan billi d-dar kienet kbira. Jgħid li huwa kien tkellem m'ommu dwar dan u "minnufih telqet tiġri għand in-nanna u n-nannu li joqgħodu kantuniera bogħod minnha biex tgħidilhom biex jatuni d-dar la ħa niżżewweġ u ngħix magħhom." Kompla jgħid li huwa kien jieħu ħsieb il-manutenzjoni tad-dar kif ukoll tad-dar. Jgħid li n-nannu kien wegħdu li jtih il-garaxx il-kbir u n-nanna kient qablet li dak jinkiteb fil-wirt. Kompla jispjega li nannuh kien tah ktejjeb żgħir fejn fuqu kien hemm miktub li huwa kien qiegħed iħallas Lm30 kera għalkemm jammetti li nannuh qatt m'aċċetta flus minn għandu iżda xorta kien jiġi ffirmat u dan għax nannuh kien jifhem li l-

ispejjeż li qegħdin isiru fid-dar kien qiegħed jagħmilhom hu (Joseph Vella). Jgħid li dan il-ktejjeb kien iżommu f'kexxun fil-kamra tiegħu għand ommu iżda dan ġie nieqes u ma jafx x'ġara minnu. Jgħid li maż-żmien saħħet nannuh marret għal agħar. Wara li miet nannuh jgħid li huwa baqa' jieħu ħsieb lil nanntu u nanntu tieħu ħsieb lilhom. Jgħid li huwa kompla jieħu ħsieb il-manutenzjoni tad-dar inkluż fejn kienet toqgħod nanntu. Jgħid li darba martu sabet lil nanntu tibki u staqsitha x'ġara u qaltilha li kienet inkwetata li ser ikeċċuhom il-barra mid-dar. Jgħid li martu qaltilha sabiex ma tinkwetax u tħalli kollox kif inhu, iżda hi insistiet li jerġa jiġi n-nutar. Jgħid li wara li sar jaf b'dan huwa kellem lil nanntu u kienet qaltlu li missieru kien talabha d-dar. Jgħid li huwa kellem lill-avukat u kien informaha li ommu kienet ġiegħlet lil nanntu tħassar it-testment u li nanntu ma riditx tgħid lill-ommu dwar ix-xewqa tagħha. Ix-xhud jgħid li l-avukat kienet issuġġeritlu li l-unika rimedju kienet li n-nanna tatih id-dar b'donazzjoni ġaladarba hija xtaqet hekk. Spjega li huwa informa lil nanntu dwar dak li qaltlu l-avukat, u hija kienet aċċettat u riedet tagħmel il-kuntratt ta' donazzjoni malajr.

17. Jgħid li fit-28 ta' Ġunju 2013 sar il-kuntratt ta' donazzjoni u dan wara li Maria Meli ġiet ċertifikata li kienet għadha mentalment tajba biex tagħmel l-imsemmi kuntratt. Jaħlef li huwa baqa' jinsisti ma' nanntu biex jew hu jew hi jagħrfu lill-ommu u lil zitu b'dak il-kuntratt, iżda nanntu baqgħet tinsisti li ma jgħidu lil ħadd biex ma jinqalax inkwiet u lanqas iġegħluha tħassru u jabbandunawha. Jgħid li wara li kienet iddaħħlet l-isptar huwa kien ċempel lil zitu biex jinformaha dwar dan u hi qaltlu li ma kienx jinteressaha. Jgħid li nanntu mietet fis-17 t'Ottubru 2018.

18. Spjega li wara l-funeral ta' nanntu, ommu u zitu baqgħu ma jitkellmux sakemm infetaħ il-wirt f'Jannar. Kif saru jafu li nanntu kienet iddonatlu d-dar tagħha, ommu u zitu bdew jitkellmu u saru ħaġa waħda flimkien ma' ħutu sabiex jieħdu l-valur tad-dar. Jispjega wkoll li huwa rċieva mandat ta' inibizzjoni mingħand

ommu u zitu u miegħu kien hemm anness noti ta' rinunzji tal-wirt ta' nanntu minn ommu u zitu kif ukoll ta' ħutu. Jgħid li huwa rrinunzja fl-1 ta' Lulju 2019. Spjega li fid-dar tiegħu hemm xi affarijiet li jappartjenu għall-wirt u kien għalhekk li applika lill-Qorti biex jagħmel inventarju skont il-liġi. Ikkonkluda l-affidavit tiegħu billi qal li ommu għandha ċ-ċavetta tal-kmamar fejn kienet tabita nanntu u safejn jaf hu nanntu kienet iżżomm fost affarijiet oħra flus u deheb. Jgħid li huwa m'għandux aċċess u pussess għal dawn il-kmamar.

19. Xehdet **Lorraine Attard**, rappreżentanta tal-bank HSBC Bank Malta plc fejn spjegat li Maria Meli kellha *savings account* li fih kellha bilanċ ta' €4,730.66 li infetaħ f'Awwissu tal-1999 u liema kont għadu miftuħ. Kellha wkoll żewġ *term deposit accounts* fejn wieħed kellu €1,164.69 (li infetah f'Mejju 1994) filwaqt li l-ieħor kellu €4,079.43 (li infetaħ f'Awwissu 1999). Maria Meli kellha wkoll kont ieħor fil-munita sterlina li fid-data tal-mewt tagħha kellu bilanċ ta' £31,819.02, liema kont infetaħ f'Ġunju 1990. Dwar Arturo Meli spjegat li jekk kont ikun ingħalaq qabel is-sena 2001 hija ma tkunx tista ssib informazzjoni. Tgħid li vverifikat mal-*nheritance Unit* fi ħdan il-Bank u l-informazzjoni li ingħatat kien li m'hemmx *records* ta' *deceased files*. Ix-xhud, mitluba tippreżenta informazzjoni dwar x'kien l-ammont fil-kontijiet fid-data tal-mewt ta' Arturo Meli, spjegat li l-informazzjoni li għandha f'idejha hija dik bħala *balance brought forward* għal kontijiet rispettivi u mhux ta' x'kien il-bilanċ eżatt fid-data tal-mewt ta' Arturo Meli. Rigward s-*savings account* l-ammont fl-10 ta' Diċembru 2002 kien ta' Lm1,700.03. It-*term deposit account* li infetaħ f'Mejju 1994 fl-10 ta' Mejju 2002 kien ta' Lm500, filwaqt li *term deposit account* li infetaħ fl-1999 fis-17 t'Awwissu 2001 kellu bilanċ ta' Lm1,751.30. Il-kont bankarju fil-munita sterlina fit-28 ta' Diċembru 2002 il-bilanċ kien ta' £27,284.21.

20. Xehdet ukoll **Johanna Bartolo**, rappreżentanta tal-Bank of Valletta plc fejn spjegat li fid-data tal-mewt tagħha Maria Meli kellha żewġ kontijiet bankarji – wieħed *term deposit account* li infetaħ f'Mejju 2000 u fis-sena 2021 kellu bilanċ ta' €1,649.60 u wkoll *interest deposit account* li infetaħ f' Ġunju 1990 u fis-sena 2019 kellu bilanċ ta' €630.10 filwaqt li f'Awwissu 1999 kellu bilanċ ta' Lm27.50. Iż-żewġ kontijiet għadhom miftuħin. Irriżulta li fis-sena 1990 Maria Meli kelli *term deposit account* li ingħalaq f'Ottubru 2000 bil-bilanċ ta' Lm100. Fir-rigward ta' Arturo Meli, ir-rappreżentanta spjegat li sabet *term deposit account* li infetaħ f'April 1990 u nagħlaq f'Mejju 2000 u fid-data tal-mewt tiegħu l-kont kellu bilanċ ta' Lm670 u *interest deposit account* li infetaħ f'Mejju 1990 u nagħlaq Otturbu 2019.

**Sommarju tal-Fatti**.

21. L-atturi huma ulied Maria Meli filwaqt li l-konvenut Joseph Vella huwa iben l-attriċi Carmen Vella u allura n-neputi ta' Maria Meli. Maria Meli mietet fis-17 t'Ottubru 2018.

22. B'kuntratt ta' donazzjoni tat-28 ta' Ġunju 2013 fl-atti tan-Nutar Sharon Faith Farrugia, Maria Meli ittrasferit lill-konvenut Joseph Vella l-proprjeta parafernali tagħha bin-numru uffiċċjali 48, Luqa Road, Paola u r-remissa, l-kappella Ġesu Nazzareno u l-ġnien li jinfdu mal-istess dar, liema remissa għandha bieb ieħor f'Ħal Saflieni Street inkluż l-arja libera tal-istess dar, soġġetta għal piż piju annwu u perpetru ta' €4.66 dovuti lil Church of Jesus Nazareth, altrimenti libera u franka.

23. B'testment unica charta tas-16 ta' Frar 1973 in atti Nutar George Cassar, Arthur u Mary konjugi Meli kienu innominaw lill-atturi eredi universali tagħhom.[10]

[10] Fol. 58 tal-proċess

B'testment unica charta ieħor tal-25 ta' Ottubru, 1994[11] il-konjuġi Meli għamlu aġġunta għat-testment preċedenti tagħhom billi ħallew b'legat lill-konvenut Joseph Vella garaxx numru 28, illum numru 41, Triq Ħal Saflieni, Paola; u legat lill-attriċi Marisa Schiro' il-garaxx fl-istess triq bin-numru 28A, illum 43. B'testment tat-22 ta' Marzu 2014[12] fl-atti tan-Nutar Amanda Grech, Maria Meli wara li ħassret u rrevokat kwalunkwe testment illi hija qatt setgħet għamlet, ħalliet b'titolu ta' legat lin-neputi Joseph Vella il-garaxx bin-numru 41, Triq Ħal Saflieni, Paola liema garaxx huwa l-akbar fost iż-żewġ garaxxijiet; ħalliet b'titolu ta' prelegat lil Carmen Vella l-flus kollha li hemm depożitati gewwa l-bank HSBC Bank Malta plc; ħalliet b'titolu ta' legat lill-bintha Marisa Schiro il-garaxx numru 43 fi Triq Ħal Saflieni, Paola; eżentat lill-uliedha mill-obbligu tal-kollazzjoni fil-massa ereditarja għall-imputazzjoni ta' sehemhom ta' dak kollu li irċivew jew għad ser jirċievu m'għand it-testatriċi taħt kull titolu; u nnominat lil uliedha atturi bħala uniċi eredi f'sehem indaqs bejniethom u bis-sostituzzjoni volgari a favur uliedhom u fin-nuqqas ta' dan bi dritt t'akkrexximent bejniethom.[13]

24. B'nota ippreżentata fil-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Volontarja) datata 4 t'April 2019 l-atturi irrinunzjaw għall-eredita tal-mejta ommhom Maria Meli li mietet fis-17 t'Ottubru 2018 u rriżervaw id-dritt għal porzjon riservat.[14] B'nota oħra ippreżentata fil-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Volontarja) datata wkoll 4 t'April 2019, Louis Vella u Maria Victoria Vella ulied l-attriċi Carmen Vella wkoll irrinunzjaw għal wirt tan-nanna tagħhom Maria Meli. B'nota tal-1 ta' Lulju 2019, Joseph Vella rrinunza bil-benefiċċju tal-inventarju għal wirt ta' nanntu.[15]

**Sottomissjonijiet**

---

[11] Fol. 56 tal-proċess
[12] Fol. 12 tal-proċess
[13] Fol 12 et seq tal-proċess.
[14] Fol 15 tal-proċess.
[15] Fol 81 tal-proċess.

25. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom l-atturi jressqu l-argument li minkejja li Joseph Vella kellu fil-pussess tiegħu l-oġġetti kollha mill-wirt ta' Maria Meli u minkejja li huwa rrinunzja għall-wirt tal-istess, huwa naqas milli jippreżenta fit-terminu legali inventarju tal-assi ereditarji li kienu fil-pusses tiegħu. Jinsistu li sat-18 ta' Ġunju 2021 huwa kien l-eredi preżunt peress li kellu fil-pussess tiegħu ħwejjeġ tal-wirt u għandu jitqies bħala werriet mingħajr dak il-benfiċċju u skont kif jiddispondi l-Artikolu 869 tal-Kapitolu 16. Jagħmlu referenza għall-Artikolu 917 tal-Kodiċi Ċivili u jispjegaw li għalkemm ma kienx werriet preżuntiv meta saret id-donazzjoni, bil-fatt li fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni ta' Maria Meli kien jinsab fi grad li jiret stante r-rinunzja tal-atturi, għandu jikkonferixxi l-valur tal-ħwejjeġ li ġew mogħtija lilu la ma kienx ħieles minn dak l-obbligu. Issottomettew li mill-porzjon riżervat għandu jitnaqqas biss l-ispejjeż tal-funeral u tal-aħħar marda li ġew imħallsa mill-istess atturi. Fis-sottomissjonijiet l-atturi imbagħad għaddew sabiex spjegaw liema huma dawk l-assi li għandhom jiġu meqjusa u liema kienu jappartjeni lil Arturo Meli u liema dawk li kienu ta' Maria Meli.

26. Il-konvenut Vella issottometta min-naħa tiegħu li t-tlett xhur stabiliti fil-liġi għar-rinunzja tal-wirt beda jiddekorri mill-11 t'April 2019 u ċioe minn meta ġie notifikat bil-mandat ta' inibizzjoni intavolat kontrih mill-atturi u li miegħu kien hemm anness kopja tar-rinunzja tal-eredita mill-atturi. Jinsisti li *a contrario* ta' dak li sar mill-atturi, meta huwa rrinunzja għal wirt huwa kontestwalment ippreżenta rikors sabiex issir il-pubblikazzjoni tal-inventarju tal-ħwejjeġ mobbli apparteenti mill-wirt tal-mejta Maria Meli u dan ai termini tal-Artikolu 869, 881 u 882. Issottometta wkoll li l-Artikolu 917 tal-Kapitolu 16 huwa inapplikabbli stante li fil-mument tal-ftuħ tas-suċċessjoni, kienu l-atturi li kienu jinsabu fil-grad li jirtu u mhux huwa. Il-konvenut jikkontendu wkoll li r-rinunzja tal-atturi hija waħda invalida minħabba li in kontro-eżami l-atturi xhedu li għandhom fil-pussess tagħhom ċwievet tal-fond u ċioe kemm tal-bibien tal-kmamar

t'ommhom kif ukoll tal-bieb ta' barra, aktar u aktar meta ġie kkonfermat mill-istess Carmen Vella li hija maret taqta l-lumi mill-ġnien wara li mietet ommha u wkoll ikkonfermat li għandha ċ-ċavetta tal-kappella. Il-konvenut għadda sabiex għamel elenku ta' dawk is-siltiet fejn saret konferma li Carmen Vella kienet fil-pussess taċ-ċwievet. Jinsisti li "l-atturi kellhom access shih u pussess esklussiv ghal oggetti appartenenti lil wirt tal-mejta ommhom Maria Meli li jinsabu fl-istess kwartier."[16] Ġie sottomess ukoll mill-konvenut li nonostante li huma fil-pussess tal-oġġetti appartenenti għal-wirt t'ommhom, huma naqsu milli jitolbu li ssir il-pubblikazzjoni tal-inventarju, ifisser għalhekk li n-nota ta' rinunzja ma tgħoddx u l-wirt għalhekk ġie aċċettat u san skont l-Artikolu 869 tal-Kapitolu 16.

**L-Azzjoni Attriċi.**

27. L-azzjoni attriċi hija msejsa fuq żewġ binarji. Ta' l-ewwel sabiex jiġi assenjat lilhom is-sehem riżervat skond il-liġi mill-wirt ta' ommohom wara li rrinunzjaw għall-wirt tagħha; filwaqt li tat-tieni sabiex jiġu assenjati il-wirt lilhom imħolli minn missierhom.

28. Ġaladarba kull parti qed tikkontendi li rrinunzjat għall-wirt ta' Maria Meli u ġaladarba kull parti qed tikkontesta r-rinunzja tal-parti l-oħra jeħtieġ l-ewwel u qabel kull konsiderazzjoni oħra li jiġi determinat dwar kull rinunzja pretiża jekk hiex valida skond il-liġi.

**Aċċettazzjoni ta' wirt versus Rinunzja ta' wirt.**

**29.** Bħala punt ta' tluq dwar dan l-aspett tal-vertenza ssir referenza għall-**Artikoli 850 u 852 tal-Kodiċi Ċivili:**

[16] Fol 378 tal-proċess.

> **850**. (1) L-aċċettazzjoni tista' tkun espressa inkella taċita.
>
> (2) Hija espressa, meta wieħed jieħu l-kwalità ta' werriet f'att pubbliku jew f'kitba privata.
>
> (3) Hija taċita, meta l-werriet jagħmel xi att li bilfors ifisser li huwa ried jaċċetta l-wirt, u li ma kienx ikollu l-jedd jagħmel jekk mhux bħala werriet.
>
> **852**. (1) L-ordnijiet mogħtija għall-funerali, l-atti ta' konservazzjoni, jew ta' amministrazzjoni tal-wirt għal xi żmien, ma jġibux aċċettazzjoni tal-wirt meta ma tkunx ittieħdet ukoll il-kwalità ta' werriet.
>
> (2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) japplikaw ukoll fil-każ ta' proċedimenti ġudizzjarji dwar azzjonijiet possessorji, f'liema każ il-persuna li tkun imsejħa għall-wirt titqies *de jure* kuratur tal-wirt skont l-artikolu 886(2).
>
> (3) Is-subartikolu (2) għandu japplika biss jekk il-persuna msejħa għall-wirt tiddikjara fl-azzjoni li tkun qed taġixxi fil-kwalità tagħha ta' *de jure* kuratur.

30. Fil-qosor, werriet jitlef il-jedd li jirrinunzja għall-wirt jekk jirriżulta li għamel xi att li minnu jkun jirriżulta li huwa aġixxa fil-kwalita' ta' werriet. Jekk minn dak l-att jirriżulta li **l-werriet <u>ried</u> jaċċetta l-wirt** allura jitqies li taċitment aċċetta l-wirt <u>liema stat huwa irriversibbli</u>. Il-ġurisprudenza tgħallimna li:

> *"hemm bzonn, kif stabbilit mill-gurisprudenza, illi jkun hemm il-volonta` u l-intenzjoni li b'dak l-att tigi accettata l-eredita`, u ta' dan trid issir il-prova univoka, b'mod li ma tkunx possibbli kwalunkwe interpretazzjoni ohra ta' dak l-att (v. Kollez. XXIX.i.1179) u App. Civ. 2.3.1951 (inedita) in re Giorgia Zammit vs Marchese Enrico Grispo Barbaro di San Giorgio)"*. [17]

31. Fil-kawża fl-ismijiet **Amadeo Mea et vs Albert Borg et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Gunju 1952 ġie kkonfermat li mill-att trid tirriżulta l-volonta tas-suċċessibbli li jaċċetta l-wirt sabiex l-aċċettazzjoni tiġi preżunta:

---

[17] **Maria Stella Hili et vs Carmelo Cilia** deċiża fid-19 ta' Jannar 1956 (Vol. XL.ii.691).

*"mhux bizzejjed li l-att jirrileva intenzjoni kwalunkwe, dak l-att irid ikun tali li jimplika b'mod necessarju u inekwivokabili l-volonta' f'min jaghmlu li jaccetta l-wirt. Magistralment f'dan id-rigward hu l-insenjament tal-Qorti ta' l-Appell tal-Maesta' tar-Regina fil-kawza Azzopardi vs Mallia deciza fis-6 ta' Novembru 1916:- 'Mentre secondo l'antico diritto bastava per l'accettazione dell'eredita' un atto qualunque esprimente la volonta' d'essere erede, per cui la tacita accettazione poteva emergere da un fatto che per se stesso non supponeva di necessita' l'intenzione di accettare l'eredita', il diritto nuovo, ad eliminare gli apprezzamenti fondati su verosimiglianze piu' o meno fondate, vuole che l'atto da cui si voglia inferire l'accettazione debba essere tale da supporre, non solo certamente, ma necessariamente la volonta di accettare (Kollez. XXIII.i.254)*".

Kompliet tgħid li fid-dubju l-aċċettazzjoni għandha tiġi eskluża.

32. Fuq dan l-aħħar punt il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Nobbli Rosario Ferro Attard Montalto vs. Nobbli Charles Vella Bonavita et** deċiża fl-14 ta' Diċembru 1966 (ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-29 ta' Mejju 1967**)** spjegat li:

"*L-att kompjut ghandu jkun essenzjalment univoku b'mod li ma jhalli assolutament ebda dubbju li s-successibbli, meta ghamel l-att, ma setax kellu intenzjoni ohra hlief dik li jaccetta l-eredita', u jekk dak l-att seta' ghamlu alio titulo jew mhux b'dik l-intenzjoni, l-accettazzjoni ghandha tigi eskluza*".

33. Fil-kawża **Orazio sive Grazio Cutajar vs Emmanuele Cutajar et** (Ċit Nru 687/1981 PS) deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003 osservat li "*nel dubbio, quando si tratta di questioni relative ad una accettazione di eredità, si deve decidere per la dichiarazione di non essere stata accettata l'eredità*" ("**Teresa Mangion et – vs- Paolo Deguara**", Prim' Awla, Qorti Civili, 30 ta' Ottubru 1884 riportata a Vol X pagna 596)".

34. L-oneru tal-prova li kien hemm aċċettazzjoni taċita qiegħda fuq minn jallega li kien hemm it-tali aċċettazzjoni. Fil-kawża fl-ismijiet **Carmel Attard vs. Joseph Attard** (Ċit Nru 53/2007 AE) deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fil-21 ta' April 2008 ġie ritenut li:

> "L-oneru tal-prova qieghed fuq min jallega li kien hemm accettazzjoni; fil-kaz taghna il-konvenuti. L-accettazzjoni trid tkun neccessarjament tippresuponi l-intenzjoni li wiehed jaccetta l-kwalita' tieghu ta' eredi. Sabiex wiehed jasal biex jikkonkludi li hemm accettazzjoni tacita, "dan ried ikun tali li certament, necessarjament u univokament, minnu ma tkunx tista' tigi nferita konsegwenza ohra hlief dik li min ghamlu ried jaccetta l-eredita`. U l-prova li l-att ikun jirrivesti dawn il-karattri jinkombi lil min jallega li dak l-att jirrivesti dawn il-karattri" (**Nobbli Rosario Ferro Attard Montalto –vs- Nobbli Charles Vella Bonavita et**, Prim'Awla, Qorti Civili, 14 ta' Dicembru 1966)."

35. Flimkien ma' dan l-insenjament jeħtieġ li jiġu kkunsidrati wkoll il-provvedimenti u l-ġurisprudenza rigwardanati r-rinunzja ta' wirt. L-ewwel artikolu li għandu jitqies huwa l-**Artikolu 860 (1) tal-Kodiċi Ċivili** fejn jipprovdi li r-rinunzja għall-wirt ma tistax tkun preżunta. Din r-"rinunzja tista' ssir biss b'dikjarazzjoni ppreżentata fir-reġistru tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja fil-gżira fejn il-mejjet kien joqgħod fiż-żmien tal-mewt tiegħu jew b'dikjarazzjoni magħmula b'att ta' nutar pubbliku."[18]

36. L-effett tar-rinunzja huwa radikali. Is-suċċessibbli li validament jirrinunzja għall-wirt jitqies li qatt ma kien werriet.

37. Ta' rilevanza huma wkoll **artikoli 869, 881 u 882 tal-Kapitolu 16**:

> "869. [...] l-imsejħin għall-wirt, illi jkollhom fil-fatt il-pussess tal-ħwejjeġ tal-wirt, jitilfu, wara tliet xhur mill-ftuħ tas-suċċessjoni jew minn dak in-nhar li jkunu saru jafu li l-wirt imiss lilhom, il-jedd tar-rinunzja għal dak il-wirt, kemm-il darba ma jkunux imxew skont id-dispożizzjonijiet dwar il-

[18] Artikolu 830 (2) tal-Kapitolu 16.

benefiċċju tal-inventarju; u, jitqiesu bħala werrieta mingħajr dan il-benefiċċju ukoll jekk kontra dan igħidu illi huma jippossjedu dawk il-ħwejjeġ taħt titolu ieħor.”

“881. Il-werriet li fil-fatt ikollu l-assi tal-wirt f’idejh, għandu jagħmel l-inventarju fi żmien tliet xhur mill-ftuh tas-suċċessjoni, jew minn dak in-nhar li jsir jaf li l-wirt imiss lilu.

882. Jekk il-werriet ma jkunx, fi żmien l-ewwel tliet xhur, beda jagħmel l-inventarju, jew ma jkunx lestieh f’dak iż-żmien, jew fi żmien ieħor li jkun ġie lilu mġedded, huwa jitqies li aċċetta l-wirt mingħajr il-benefiċċju tal-inventarju.”

38. Kif dikjarat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawża **Joseph Gauci et vs. Jane Galea et**, deċiża fit-3 ta’ April 2003 *“[...] jekk il-werrieta ma jkollhomx pussess tal-hwejjeg tal-wirt u ma jaghmlux atto di eredita`, huma jistghu, f’kull zmien jirrinunzjaw ghall-wirt."*

39. In tema legali ssir referenza wkoll għas-sentenza **Angelo Zerafa et vs. Michelina Azzopardi** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-27 ta’ Marzu 2020:

“Għall-kuntrarju tal-aċċettazzjoni ta’ wirt, ir-rinunzja tgħodd biss meta tkun waħda espressa [App. Ċiv. **25.11.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi vs Manġion et*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.423**)] u ssir fl-għamla maħsuba fil-liġi. Huwa meqjus li ladarba tkun saret rinunzja bħal din fis-sura mitluba, dik tkun ukoll rinunzja għall-wirt fis-sustanza. Mar-rinunzja, u mhux qabel, jitnissel il-jedd li wieħed jitlob is-sehem riżervat minn dak il-wirt rinunzjat [P.A. **16.12.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Debono vs Licari et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.620**)]. Ir-raġunijiet li l-liġi taħseb għalihom biex werriet ma jistax jirrinunzja għal wirt [Ara, b’eżempju, art. 869 u 870 tal-Kap 16] huma l-eċċezzjoni għall-effettività ta’ rinunzja magħmula. Minbarra dan, il-piż tal-prova li min irrinunzja għal wirt ma setax jagħmel dan, jew li wettaq għemejjel ta’ werriet, jaqa’ fuq min jallega dak l-għemil [P.A. **14.12.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Rosario Ferro Attard Montalto vs Charles Vella Bonavita et*** (mhix pubblikata) konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-**29.5.1967**(Kollez. Vol: **LI.i.340**)]. F’każ li jibqa’ dubju, wieħed għandu jqis li l-wirt kien rinunzjat [P.A. **30.10.1884** fil-kawża fl-ismijiet ***Manġion et vs Deguara*** *(*Kollez. Vol: **X.596**)];”

40. Min jallega li werriet tilef il-jedd li jirrinunzja għall-wirt peress li ma rrinunzjax bil-benefiċċju tal-inventarju jew inkella ma rrinunzjax fit-terminu legali jew inkella li qabel irrinunzja għamel atti fil-kwalita' ta' werriet, għandu l-oneru li jġib il-prova ta' dak minnu allegat. Fir-rigward issir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fl-20 ta Jannar 2009 fl-ismijiet **Marjano Pace pro et noe vs Carmelo Pace et.**:

> *"Prima facie,* jidher li l-presunzjoni li tirrizulta hi assoluta u ma tippermettix prova kuntrarja. Madankollu l-Artikolu 852 tal-Kodici Civili jipprovdi: *"L-ordnijiet moghtija ghall-funerali, l-atti ta' konservazzjoni, jew ta' amministrazzjoni tal-wirt ghal xi zmien, ma jgibux accettazzjoni tal-wirt meta ma tkunx ittiehdet ukoll il-kwalita' ta' werriet.".* Fil-kawza **Paolina Fabri et vs Saverio Calleja et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Imhallef A. Dingli) fis-27 ta' Jannar 1888 [Volum XI.496] gie osservat li, *"La disposizione dell'articolo 572 (illum 869) non e' punto inconciliabile con quella del 555 (illum 852), trattando questa di Amministrazione provvisoria, e l'altra di possesso reale, con amministrazione definitiva a proprio vantaggio.".*

Ikkunsidrat;

41. Imiss issa li l-fatti u l-pretensjonijiet tal-partijiet jitqiesu fid-dawl tal-liġijiet u tal-ġurisprudenza applikabbli.

**Ir-Rinunzji tal-Wirt imħolli minn Maria Meli.**

42. Fil-każ odjern ir-rinunzji tal-atturi u ta' żewġ ulied Carmen Vella saru permezz ta' noti ppreżentati fil-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Volontarja) fl-4 t'April 2019. Min-naħa tiegħu l-konvenut Vella rrinunzja għall-wirt ta' nanntu permezz ta' nota ippreżentata fl-1 ta' Lulju 2019 u man-nota ta' rinunzja ppreżenta rikors sabiex isir l-inventarju tal-mobbli li kellu fil-pussess tiegħu. L-atturi min-naħa

tagħhom ma għamlu l-ebda rikors sabiex isir inventarju iżda fl-att tar-rinunzja żammew il-jedd għas-sehem riżervat ai termini tal-Artikolu 861 tal-Kap. 16.

43. Il-konvenut jinsisti li r-rinunzja tal-atturi m'hijiex valida għaliex għad għandhom fil-pussess tagħhom ħwejjeġ tad-defunta li jinsabu f'żewġt ikmamar tad-dar lilu donata u li fihom kienet toqgħod ommhom. Għalhekk jgħid illi sabiex ir-rinunzja tal-atturi tkun valida kellha tkun akkumpanjata minn inventarju tal-oġġetti fil-pussess tal-atturi.

44. Il-werrieta imsemmija fit-testment ta' Maria Meli kienu l-atturi li rrinunzjaw għall-wirt f'April 2019 qabel skadew it-tliet xhur kontemplai fil-liġi għalkemm dan it-terminu ma kienx għalihom applikabbli kif ser naraw aktar 'l isfel.

45. Peress li ħut il-konvenut Vella irrinunzjaw ukoll għall-wirt ta' nannithom; il-konvenut Vella sar werriet preżuntiv; għalkemm huwa ma sarx jaf mill-ewwel b'dak li seħħ. Stante li l-konvenut Vella kien fil-pussess ta' ħwejjeġ tal-eredita' it-terminu ta' tlett xhur huwa għalih applikabbli u skatta mill-mument li sar jaf li huwa sar il-werriet preżuntiv wara r-rinunzji ta' ommu u ta' ħutu.

46. Mill-atti jirriżulta li fil-5 t'April 2019 l-atturi ippreżentaw rikors għall-ħruġ ta' Mandat t'Inibizzjoni kontra l-konvenut Vella u mal-imsemmi rikors ġiet annessa kopja tan-nota ta' rinunzja tal-atturi u ta' ħutu. Il-konvenut Vella ġie notifikat b'dawk l-atti fil-11 ta'April 2019.

47. L-**Artikolu 869** tal-Kap 16 jipprovdi li r-rinunzja għandha ssir "wara tliet xhur mill-ftuħ tas-suċċessjoni **jew minn dak in-nhar li jkunu saru jafu li l-wirt imiss lilhom**"[19] Ma ġiex ikkontestat min-naħa tal-atturi li l-konvenut sar jaf l-ewwel darba li l-atturi u ħutu rrinunzjaw għall-wirt meta ġie notifikat bl-atti tal-

[19] Enfasi tal-Qorti.

mandat ta' inibizzjoni fil-11 ta'April 2019. Il-konvenut irrinunzja għal wirt fl-1 ta' Lulju 2019, entro t-terminu ta' tliet xhur.

48. L-atturi jissottomettu wkoll li l-konvenut naqas milli jippreżenta inventarju fit-terminu legali.

49. Jirriżulta illi fil-25 ta' Mejju 2021 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) iddegretat hekk:

> "Rat ir-rikors ta' Joseph Vella (K.I. 320769M) ippreżentat fl-1 ta' Lulju 2019 fl-atti tar-Rikors numru 1105/2019 [r-rikors għal pubblikazzjoni tal-inventarju ta' ħwejjeġ tal-wirt li jinsabu fil-pussess ta' Joseph Vella]
>
> Tipprovdi fuq l-istess billi:-
>
> Tordna l-pubblikazzjoni tal-inventarju tal-Ħwejjeġ tal-wirt li jinsabu fil-pussess tar-rikorrent Joseph Vella imsemmi għal nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Ġunju 2021, fil-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (17:30) f'94, Indipendence Avenut, Mosta bil-Ministeru tan-Nutar Dottor Carmel Gafa'.
>
> Tordna li l-interessati jiġu msejħa: dawk li huma magħrufa b'rikors tal-inventarju tal-Ħwejjeġ tal-wirt li ħalliet li jinsabu fil-pussess tar-rikorrenti Joseph Vella u dawk li mhumiex bil-mezz ta' bandu li għandu jiġi mwaħħal fid-daħla ta' fejn din il-Qorti toqgħod u li sunt tal-istess bandu għandu jiġi wkoll ippubblikat fil-gazzetta tal-Gvern u f'ġurnali lokali ta' kuljum, u dana kollox ai termini ta' l-artikolu 546 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> Tordna lin-Nutar biex jamministra l-ġurament lir-rikorrenti nomine u li dawn tal-aħħar jkunu qed jiddiskrivu fedelment, bl-aħjar ħila u tagħrif u bir-reqqa l-assi li ħalliet l-mejta Maria armla minn Arturo Meli li jinsabu fil-pussess tar-rikorrenti Joseph Vella."[20]

50. Minn dan id-digriet jidher ċar li t-talba għall-pubblikazzjoni tal-inventarju saret fl-1 ta' Lulju 2019, fl-istess ġurnata li ġiet ippreżentata r-rinunzja tal-wirt da parti tal-istess konvenut Vella. L-atturi naqsu milli jġibu prova li l-konvenut ma

[20] Fol 326 tal-proċess.

mexiex mad-disposizzjoni tal-Artikolu 882. Min jallega li seħħet aċċettazzjoni taċita ta' wirt għandu l-oneru li jipprova b'mod ċert u inekwivoku li seħħet tali aċċettazzjoni. Mill-atti jirriżulta li l-Att ta' Pubblikazzjoni ta' Inventarju sar quddiem in-Nutar Carmel Gafa fit-18 ta' Ġunju 2021 kif ordnat mill-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Volontarja).[21]

**51. Il-Qorti għalhekk tiddikjara illi r-rinunzja tal-wirt bil-benefiċċju tal-inventarju da parti tal-konvenut Vella hija waħda valida.**

52. Imiss issa li jiġi meqjus jekk kienx hemm aċċettazzjoni tal-wirt min-naħa tal-atturi skont kif qiegħed jallega l-konvenut. Kif ġia ritentut il-konvenut jinsisti li peress li l-atturi għandhom fil-pussess tagħhom iċ-ċavetta tal-kmamar fid-dar 48, Luqa Road, Paola fejn kienet tirrisjedi ommhom u s-safe li jinsab fl-istess kmamar kif ukoll tal-kappella Gesu Nazzareno li tmiss mal-istess dar allura huma aċċettaw il-wirt peress li r-rinunzja tagħhom ma kenitx akkumpanjata minn inventarju tal-mobbli fil-pussess tagħhom.

53. Mix-xhieda mogħtija in kontro-eżami taż-żewġ aħwa, irriżulta li Marisa Schiro ma kelliex iċ-ċavetta tad-dar ta' ommha fil-jum tal-mewt tagħha. Marisa Schiro in kontro-eżami tal-5 t'April 2022 xehdet illi oħtha Carmen Vella kellha ċ-ċwievet tal-kmamar fejn kienet tirrisjedi ommha iżda hi ma kelliex.

54. Kif ingħad fil-ġurisprudenza fuq kwotata, irid jintwera li kien hemm il-volonta u l-intenzjoni li b'dak li qiegħed jagħmel is-suċċessibbli jkun qiegħed jaċċetta l-eredita'. Il-prova trid tkun waħda univoka. Il-Qorti ma ratx li tresqat prova ta' dik ix-xorta fir-rigward ta' Marisa Schiro. Apparti li ma ġiex muri li Marisa Schiro kellha ċ-ċavetta kif jallega l-konvenut anzi ġie muri mod ieħor, meta Marisa Schiro ġiet mistoqsija in kontro-eżami miżmum fil-5 t'April 2022 jekk hija ħaditx

[21] Fol 324 tal-proċess.

xi ħaġa mill-kmamar ta' ommha wara mewtha x-xhud ir-rispondiet illi kemm ilha nieqsa ommha qatt ma resqet lejn id-dar. Tali stqarrija tal-attriċi Schiro ma ġiet kontradetta minn ħadd.

55. Kif ġia ritenut m'huwiex ikkontestat mill-attriċi Carmen Vella stess li hija għandha ċ-ċwievet tal-kmamar li kienet tirrisjedi fihom ommha inkluż tas-*safe* u tal-kappella Ġesu Nazzareno iżda ma rriżultax li għandha ċavetta tal-bieb ta' barra. Fix-xhieda tagħha in kontro eżami hija qalet bl-aktar mod ċar li ċavetta tal-bieb ta' barra ma kelliex għaliex xi ħadd biddel is-serratura. Il-bdil tas-serratura jidher li seħħ ftit taż-żmien wara li mietet omm l-atturi peress li l-attriċi tgħid li wara l-mewt ta' ommha daħlet darbtejn, darba sabiex tieħu l-ħwejjeġ li fihom tkefnet ommhom u darba oħra sabiex taqta' xi frott mill-ġnien. Il-konvenut qatt ma ċaħad li biddel is-serratura tal-bieb ta' barra. Dan jidher li seħħ appena l-atturi skoprew illi ommhom kienet iddonat matul ħajjitha d-dar tagħha lill-konvenut.

56. Minn eżami tal-provi miġjuba jirriżulta b'mod ċar li Carmen Vella ma għamlet l-ebda att b'intenzjoni li tkun werrieta anzi ħalliet dak kollu li ħalliet ommha kif kien u ma messet xejn f'żewġt ikmamar fid-dar tal-konvenut li għalihom m'għandiex aċċess peress li nbidlet is-serratura tal-bieb prinċipali tad-dar.

57. . In kontro-eżami tad-9 ta' Ġunju 2022 Carmen Vella xhedet hekk:

> Dr Joseph Zammit: Okay, mela inti minn dawn it-tlett affarijiet li ser insemmielek jien, il-bieb ta' barra tad-dar, il-bieb tal-kmamar fejn kienet toqghod il-mama' Alla Jahfrilha u l-bieb tal-Kappella, inti ghandek ic-cwievet tal-bieb tal-Kappella u ghaddejthom it-tifla u ghandek ic-cwievet ukoll tal-kmamar li jissakkru fejn kienet toqghod il-mama'.
> Maria Vella: U zgur ghax jiena hemmhekk fil-kmamar tal-mummy wara li mietet mort nohrog l-affarijiet biex inkeffinha, ghad hem mil-hwejjeg kollox fuq is-sodda u nahseb anke xi hobza hemm u xi flixkun luminata jew xi affarijiet ghax il-bqija kollox ghadu ta' taht fuq [...]

58. Fil-fehma tal-Qorti bil-fatt li l-attriċi Carmen Vella kellha ċ-ċwievet tal-kmamar fejn kienet tirrisjedi ommha mingħajr ma rriżulta b'mod inekwivoku li wara li saret taf bid-donazzjoni kellha ċavetta tal-bieb ta' barra, ma jistax jitqies li aġixxiet qua werrieta. Mingħajr iċ-ċwievet tal-bieb ta' barra tad-dar fejn jirrisjedi l-konvenut Vella ma jistax jitqies li kellha pussess fiżiku tal-ħwejjeġ li jinstabu f'żewġt ikmamar fejn kienet toqgħod ommha.

59. Fi kwalunkwe każ **Artikolu 852 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi li "l-atti ta' konservazzjoni, jew ta' amministrazzjoni tal-wirt għal xi żmien, ma jġibux aċċettazzjoni tal-wirt".

60. Rilevanti wkoll il-konsiderazzjoni illi d-dar bil-kmamar in kwistjoni b'kollox ingħataw b'donazzjoni lill-konvenut Vella minn Maria Meli matul ħajjitha u għalhekk ukoll ma jistax jitqies li fil-mewt ta' Maria Meli l-pussess tal-kmamar għadda f'idejn l-attriċi Carmen Vella tenut kont li dawn il-kmamar huma proprjeta' u jinstabu f'binja fil-pussess esklussiv tal-konvenut Vella.

61. Għalkemm l-attriċi Carmen Vella spjegat li meta mietet ommha kien għad għandha ċ-ċavetta tal-bieb ta' barra u kienet marret tiġbor xi ħwejjeġ ta' ommha sabiex titkeffen fihom kif ukoll qatet xi frott mill-ġnien, dawn ma jistgħux waħedhom jitqiesu li kienu atti li permezz tagħhom kienet qed taġixxi qua werrieta, aktar u aktar meta seħħew f'mument meta ma kienx għadu lilha magħruf li d-dar, il-kappella, il-ġnien u wieħed mill-garaxxijiet kien ġie donat lill-konvenut Vella. Huwa evidenti għall-Qorti illi l-konvenut Vella, konsapevoli li ommu u zitu ma kienux jafu bid-donazzjoni, ma għarrafhomx mill-ewwel appena mietet omm l-atturi. Il-konvenut ma jagħti l-ebda spjegazzjoni kif qed jippretendi li l-atturi għamlu atti ċari u inekwivoċi li aċċettaw il-wirt ta' ommhom fi żmien meta kien hu stess li żamm mistura d-donazzjoni lilu ta'

aktar minn 80% tal-assi tad-defunta li eċċediet b'marġini sproporzjonata is-sehem disponibbli.

62. Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Marjano Pace pro et noe vs. Carmelo Pace et** (Ċit Nru 31/2008 AE) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-20 ta' Jannar 2009 ingħad li:

> "*Prima facie,* jidher li l-presunzjoni li tirrizulta hi assoluta u ma tippermettix prova kuntrarja. Madankollu l-Artikolu 852 tal-Kodici Civili jipprovdi: *"L-ordnijiet moghtija ghall-funerali, l-atti ta' konservazzjoni, jew ta' amministrazzjoni tal-wirt ghal xi zmien, ma jgibux accettazzjoni tal-wirt meta ma tkunx ittiehdet ukoll il-kwalita' ta' werriet."*. Fil-kawza **Paolina Fabri et vs Saverio Calleja et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Imhallef A. Dingli) fis-27 ta' Jannar 1888 [Volum XI.496] gie osservat li, *"La disposizione dell'articolo 572 (illum 869) non e' punto inconciliabile con quella del 555 (illum 852), trattando questa di Amministrazione provvisoria, e l'altra di possesso reale, con amministrazione definitiva a proprio vantaggio.".*"

63. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet hija l-fehma ta' din il-Qorti illi ma kienx jinkombi fuq l-attriċi Carmen Vella l-obbligu li tirrinunzja għall-wirt bil-benefiċċju tal-inventarju tenut kont li assi ereditarji fil-pussess tagħha ma kienx hemm. Carmen Vella xhedet illi l-istatwi kienet tagħtomlha ommha matul ħajjitha. Dwar flus kontanti iż-żewġ atturi ċaħdu li kellhom fil-pussess tagħhom flejjes appartenenti l-wirt. Carmen Vella xhedet illi kienet tieħu ħsieb il-bżonnijiet kollha ta' ommha u li l-pensjoni ta' ommha kienet tużaha kollha għall-ħtiġijiet tal-istess ommha. Ma nġabet l-ebda prova kuntrarju.

64. Il-Qorti tikkonkludi li l-konvenut ma rnexxilux jipprova sodisfaċentement illi l-atturi għamlu xi att jew atti li minnhom jista' jiġi dedeott b'mod ċert u inekwivoku illi aċċettaw taċitament il-wirt ta' ommhom Maria Meli.

**65. Il-Qorti għalhekk qed tiċħad l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut u tqis li l-atturi r-rinunzjaw validament il-wirt ta' ommhom bid-dritt akkweżit li jitolbu għas-sehem riżervat lilhom spettanti skond il-liġi.**

Ikkunsidrat;

**Likwidazzjoni tas-Sehem Riżervat.**

**Verifika jekk seħħitx Leżjoni tas-Sehem Riżervat.**

66. Hekk konkluż li ma kienx hemm aċċettazzjoni tal-wirt minn ħadd mill-partijiet imiss issa li jiġi meqjus x'għandu jiġi kompriż fil-porzjon riżervat.

67. Id-dritt għall-porzjon riżervat huwa kreditu kontra l-eredita[22]. Is-sehem riżervat jinħadem fuq il-wirt kollu (magħdud dak li t-testatur ikun ta b'donazzjoni matul ħajtu wkoll bi ħsieb ta' żwieġ) wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjeż tal-funeral u dak il-ġid kollazjonabbli li l-leġittimarju jkun ħa mingħand it-testatur.[23]

68. Kif qalet il-Qorti tal-Appell Superjuri fil-kawża **Mary Anne Zammit et vs. Antonia Ellul et** deċiżafit-28 ta' Jannar 2005:

> "li, ghal finijiet ta' l-operazzjoni preliminari ta' komputa li hija r-riunjoni fittizja ta' l-assi ereditarji in kwantu diretta ghar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decuius (li l-ligi tikkunsidra bhala terminu ta' riferiment ghad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless ta' dik indisponibbli, anke biex talvolta tigi affermata jew eskluza l-ezistenza tal-lezjoni tal-legittima) bilfors wiehed irid jirriporta ruhu ghall-valuri fiz-zmien

[22] Art. 615 (2) Kap. 16

[23] Ara **Angelo Zerafa et vs. Michelina Azzopardi** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Marzu 2020.

ta' l-apertura tas-successjoni, tenut kont, naturalment, f'dan ir-rigward, tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi relattivi ghall-kollazzjoni"

69. Fl-istess sentenza kompla jingħad:

"Dan il-prinċipju jeżawrixxi ruħu fil-fissazzjoni tal-kriterju li għandu jiġi segwit għall-kalkolu tal-valur ta' l-assi u tal-kwota leġittima; iżda jekk il-leġittima ma ġietx sodisfatta u trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruħha, fil-każijiet fejn dan hu konsentit mil-liġi, fi dritt ta' kreditu ta' flus, id-dritt tal-leġittimarju għandu bħala oġġett '*un bene reale*' u l- '*aestimatio rei*' għandha tkun riferita għaż-żmien tal-konverżjoni, cioe` ż-żmien l-aktar qrib possibli għall-pronunzja ġudizzjali u tenut kont għalhekk ta' xi sopravenuta żvalutazzjoni monetarja."

70. Illi l-prinċipji gwida ġew riassunti mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Emilia Maria sive Mollie Mifsud vs Eleonore sive Nellie Mizzi et**, deċiża fl-14 ta' Diċembru 1973. F'dik il-kawża, l-Qorti kkunsidrat li:

"…in sustanza, l-kontestazzjoni hija impernjata fuq il-valur tal-beni fil-mument tal-apertura tas-suċċessjoni tal-awtriċi komuni, u mhux fuq il-valur taż-żmien li fih issir il-likwidazzjoni tal-leġittima."…… "f'materja ta' natura ta' likwidazzjoni u mod ta' pagament ta' leġittima invero giusta la legge patria la legittima e` solo una porzione dei beni del defunto, e non gia parte di un eredita`."

71. Ta' rilevanza wkoll dak li qalet il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali fil-kawża **Joseph Portelli pro et noe vs. Rita Portelli et** deċiża fis-26 ta Settembru 2007 fir-rigward ta' kif jiġi kkonsidrat jekk kienx hemm leżjoni tas-sehem riżervat b'riżultat ta' donazzjonijiet u/jew legati:

"• Ghal finijiet ta' kalkolu ta' legittima, "*si calcola sull' intero patrimonio, compresavi ogni specie di largizione gratuita, colla sola deduzione dei debiti e delle spese funerarie*" (**Vol. IX pagna 297**). Ghalhekk ghandha tigi kalkolata fuq il-patrimonju kollu li minnu jridu jitnaqqas id-dejn inkluz l-ispejjez tal-funeral tad-decujus. Fis-sentenza riportata fil-Volum XXXIII.i.472 [**Carmela Farrugia ne. et vs Concetta Mifsud et.**] inghad:

*"Ir-rigali li d-decujus jaghmel a favur ta' kwalunkwe persuna ghandhom jigu mdahhlin fir-rijunjoni tal-patrimonju tad-decujus biex tigi kalkulata l-legittima; u anki l-legati li d-decujus ikun ghamel favur xi persuni, anki jekk ikunu legati ta' benificenza*".

[…]

***Jigifieri sakemm id-decujus ma jeccedix il-kwota disponibbli tal-beni tieghu u ma jilledix il-legittima, huwa jista' jaghmel li jrid bil-kwota disponibbli, u mhux obbligat ihalli lil-legittimarju determinata speci ta' beni'*** (**Maria Wismayer et vs Ruggiero Wismayer et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Mejju, 1950 **- Vol. XXXIV P II p 574**);*"Dan ifisser li l-legittimarju ma jistax jippretendi d-dritt li fil-legittima tieghu tigi mdahhla parti minn kwalunkwe wahda mis-sustanzi li jikkomponu l-assi patrimonjali tad-decujus. Konsegwentement, meta d-decujus ihalli xi legat jew jaghmel xi donazzjoni, il-legittimarju ma jistax jinjora dak il-legat u jitlob li parti mill-beni li jikkomponu dak il-legat tigi mdahhla fil-legittima u tigi assenjata lilu. Dak il-legat jew dik id-donazzjoni ghandhom **<u>jigu mehuda in konsiderazzjoni biss ghall-fini tal-kalkolu tal-legittima</u>** u jkun hemm lok ghar-riduzzjoni taghhom fil-kaz li din tigi leza."* – "**Joseph Vella –vs- Anthony Bezzina et**", Appell, 20 ta' Novembru 1998 [Ara wkoll sentenza moghtija fit-3 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef P. Sciberras) fil-kawza **Orazio sive Grazio Cutajar vs Emmanuele Cutajar et.**]. ................

• Peress li l-legittima hi porzjon li d-decujus ma jistax jiddisponi minnha, it-testatur lanqas ma jista' jimponi xi piz jew xi kundizzjoni fuqha (Art. 620 tal-Kodici Civili)."

72. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Dr. Chris Said noe vs. Mary Abela pro et noe** mogħtija fit-28 ta' Mejju 2010 issottolineat prinċipju ieħor relatat mal-ħlas tal-porzjon riżervat:

"i. *Illi d-dritt assolut tad-disposizzjoni tal-proprjeta' huwa limitat mill-fakolta' ta' xi disposizzjoni b'titolu gratuwitu, meta d-disponenti jkun halla superstiti certi parenti. F'dana s-sens il-kapacita' tal-bniedem li jiddisponi b'testment mhix illimitata, l-ghaliex id-decujus ma jistax jiddisponi qabel ma jkun gie nieqes mill-beni tieghu kollha, izda minn parti minnhom biss. Fi kliem iehor, apparti l-limitazzjoni dwar certi persuni, il-kapacita' u l-fakolta' tad-disposizzjoni per mezz ta' attijiet ta' l-ahhar volonta' hija wkoll limitata ghall-kwantita' tal-beni. Dina l-kwantita' tiddependi minn kemm mil-likwidazzjoni tal-patrimonju ghandu matematikament jikkomponi sew il-parti disponibbli……*" (**Maria Wismayer et vs Ruggiero Wismayer et**

deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Mejju 1950 – Vol. XXXIV.ii.574)."

73. **Naturalment is-sentenzi ċitati li jippreċedu d-dhul fis-seħħ tal-Att XVIII tal-2004 li permezz tiegħu ġew sostitiwiti artikoli 615 u 616 tal-Kap. 16 iridu llum jinqraw billi jittieħed qies tal-liġi rilevanti kif kienet viġenti fiż-żmien li ġew mogħtija. Bid-differenza notevoli illi in forza tal-emendi bis-saħħa tal-Att XVIII tal-2004 il-leġittima konsistenti f'sehem indiviz fuq l-assi kollha li kellu d-decuius inkluż b'effett tar-riunjoni fittizja; ġiet trasformata f'sehem riżervat konsistenti fi kreditu kontra l-eredita'.**

<u>**Riunjoni Fittizja tal-Patrimonju tad-Decuius - *Relictum + Donatum*.**</u>

74. **Andrea Torrente** u **Piero Schlesinger** fil-ktieb ***Manuale di Diritto Privato*** (Giuffre' Editore, 1981) jispjegaw dan il-kunċett bil-mod segwenti

> *"Per poter stabilire se il testatore – con donazioni eventualmente effettuate in vita a favore di terzi o di alcuni soltanto dei legittimari, in danno degli altri, o con le disposizioni testamentarie – abbia leso I diritti spettanti ai legittimari, occorre calcolare l'entita' del suo patrimonio all'epoca dell'apertura della successione.*
>
> *Questa operazione e' meramente contabile e, siccome I beni vengono riuniti soltanto fittiziamente, sulla carta, si chiama riunione fittizia. Si calcolano I valori dei beni che appartevano al defunto al tempo dell'apertura della successione (la somma dei valori di questi beni si chiama relictum – id quod relictum est – cio' che e' stato lasciato). Dalla somma stessa si detraggono I debiti, perche' bona non intelliguntur nisi deducto aere alieno. Al risultato cosi' ottenuto si aggiungono I beni di cui il testatore abbia eventualmente disposto in vita a titolo di donazione (donatum = cio' che e' stato donato)".*

75. L-insenjament tal-Qorti tal-Appell dwar ir-riunjoni fittizja tar-*relictum* u d-*donatum* insibuh ukoll fis-sentenza **Concetta Vella et vs Giuseppe Bugeja et** mogħtija fl-10 ta' Diċembru 1973:

"Kwantu ghall-valutazzjoni tal-beni in konnessjoni mad-determinazzjoni tal-porzjoni legittima, li hi l-materja involuta f'dan l-appell, il-Qorti tahseb li m'ghandu ikun hemm kwistjoni, in bazi ghall-principji (ara in partikolari art. 684 Kodici Civili [issa Artikolu 647 tal-Kodiċi Ċivili]) li ghall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta' komputu li hi riunjoni fittizia tal-assi ereditarju in kwantu diretta ghar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decujus (li l-ligi tikkunsidra bhala terminu ta' riferiment ghad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless, ta' dak indispensabbli, anki biex talvolta tigi affermata jew eskluza l-ezistenza tal-lezjoni tal-legittima) bilfors wiehed irid jirriporta ruhu ghall-valuri fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni, tenut kont naturalment f'dan ir-rigward tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi relattivi ghall-kollazzjoni."

76. Fis-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet **Joseph Portelli pro et noe vs. Rita Portelli et** mogħtija fis-26 ta Settembru 2007 il-Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Mehud in konsiderazzjoni dawn il-principji, il-punt tat-tluq hu dak li jissejjah bhala rijunjoni fitizzja. Permezz ta' dan il-pass preliminari isir kalkolu ta' l-ammont li t-testatur seta' jiddisponi minnu (*disposable portion*) u l-parti li ma setax jiddisponi minnha. Din mhi xejn ghajr likwidazzjoni tal-gid tat-testatur. B'dan il-mod ikun jista' jigi determinat jekk fir-realta' kienx hemm lezjoni tal-legittima. Dan l-ezercizzju jrid isir b'dan il-mod:-

(a) Fl-ewwel lok ghandhom jingabru l-beni kollha fi zmien tal-ftuh tas-successjoni (*relictum*) u jinghata l-valur taghhom fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni;

(b) Minn dan l-ammont ghandu jinqata' d-dejn;

(c) Mill-bilanc li jibqa' ghandu jizdied il-valur tal-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni ["*Such addition is necessary because the portion of the deceased's property was saved by law in favour of certain persons cannot be diminished by any disposition under a gratuitous title. The legitima portio is computed on the whole estate of the deceased, viz on the property which would have existed at the time of his death had he made no donations. The said addition is a fictitious one, a mere calculation which however may necessitate an actual addition for the purpose of the abatement, if it results that the donations made by the deceased exceed*

*the disposable portion. Subject to addition is any property given on donation to any person whatsoever, including those to whom the legitima portio is due, even if the testator has exempted any of the said persons from imputing the property received on donation to their rights*" (Prof. Caruana Galizia fin-Notes on Law of Succession, pagna 1021).]. Fl-Artikolu 648(b) tal-Kodici Civili jinghad li din il-proprjeta' "*shall be fictitiously added*" mehud in konsiderazzjoni tal-valur tal-proprjeta fi zmien tal-apertura tas-successjoni izda fil-kondizzjoni li kienet meta nghatat id-donazzjoni.

B'hekk inkunu nistghu nsiru nafu jekk dak li d-dispona minnu ddecujus (kemm matul hajtu u wkoll permezz ta' disposizzjonijiet testamentarji) jaqbizx is-sehem li minnu seta' jiddisponi. Tant hu hekk li l-Artikolu 648(c) jipprovdi li "*is-sehem li t-testatur seta' jaghmel minnu jinqies fuq l-assi hekk migbur, billi jittiehed qies tal-jeddijiet ta' dawk li ghandhom jedd b'ligi ta' sehem mill-beni tieghu, skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 615 sas-639*". F'kaz li jaqbez is-sehem li seta' jiddisponi minnha, ikun hemm lezjoni ta' legittima. Pero' f'dan l-ezercizzju wiehed irid ukoll jikkunsidra legati li setghu thallew lill-legittimarju u dak li seta' rcieva minghand it-testatur inter vivos u li hu soggett ghall-kollazzjoni sabiex jigi stabbilit jekk il-legittima thallsitx [Artiklu 620(4) tal-Kodici Civili (Kap. 16).]. Imbaghad hu biss fejn dak li ddispona minnu t-testatur jaqbez is-sehem li minnu seta' jiddisponi, li jrid isir l-ezercizzju maghruf bhala riduzzjoni skond id-disposizzjonijiet 650-653 tal-Kodici Civili (Kap. 16)."

**Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti**

77. Magħmula dawn l-osservazzjonijiet ġurisprudenzjali dwar x'għandu jiġi inkluż fil-komputazzjoni tal-porzjon riżervat fuq il-wirt tal-omm jmiss issa li qabel xejn jiġu likwidati l-assi ereditarji appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-ġenituri tal-atturi li s-segwi bil-liwidazzjoni tal-assi parafernali tal-omm inkluż id-donazzjonijiet li tat matul ħajjitha.

78. Bejn il-partijiet m'hemmx kontestazzjoni dwar liema huma l-assi tal-missier u liema huma dawk tal-omm u liema jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

***Il-Mobbli***

79. Fis-7 t'Ottubru 2020 il-konvenut ippreżenta l-istima tal-mobbli magħmula minn Eleno Mamo, liema stima ma tinkludix l-effetti mobbli li jinsabu f'xi kmamar fl-istess dar u dan peress illi ċ-ċavetta għal dawn il-kmamar tinsab għand l-attriċi Carmen Vella.[24] Ma jidhirx pero' li f'dawk il-kmamar hemm xi għamara ta' valur għaliex dawn jikkonsistu f'kamra tas-sodda u kċina. Waqt l-aċċess mill-perit tekniku ħadd mill-partijiet ma irrileva li kien hemm xi mobbli fihom. Il-valur tottali tal-assi mobbiljari kif stmat minn Eleno Mamo huwa ta' erbat elef, ħames mija u ħamsa u tletin ewro (€4,535).[25] Waqt is-seduta tat-13 ta' Jannar 2021 l-atturi ddikjaraw li jaqblu mal-istima tal-mobbli magħmula mill-irkantatur Eleno Mamo.

80. Dawn il-mobbli jinsabu fid-dar li kienet id-dar matrimonjali ta' Arturo u Maria Meli u għalhekk din il-Qorti tqis li tali mobbli kienu jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

***Kontijiet Bankarji – Arturo Meli li miet 22 ta' Mejju 1999***

81. Mir-rendikonti ppreżentati mir-rappreżentanta tal-**Bank of Valletta plc** jirriżulta li fid-data tal-mewt, Arturo kellu s-segwenti kontijiet bis-segwenti bilanċ fihom:

    a. *Fixed account* – bilanċ ta' Lm670[26]
    b. *Interest disposal account* – bilanċ ta' żero[27]

---

[24] Ara verbal tal-aċċess miżmum mill-perit tekniku a fol. 122 tal-proċess
[25] Fol 114 et seq tal-proċess.
[26] Fol 216 – 217 tal-proċess.
[27] Fol 218 tal-proċess.

***Kontijiet Bankarji – Maria Meli li mietet 17 t'Ottubru 2018***

82. Ir-rappreżentanta tal-**HSBC Bank Malta plc** ippreżentat numru ta' rendikonti tal-kontijiet ta' Maria Meli li juru l-bilanċ li kien viċin il-mewt tad-data ta' żewġha Arturo Meli. Ir-rappreżentanta ma kinitx f'pożizzjoni tgħid bi preċiżjoni x'kien il-bilanċ fit-22 ta' Mejju 1999 għal kull kont bankarju iżda hija pprovdiet iċ-ċifri li kienu disponibbli għaliha mir-rendikonti li hija setgħet taċċedi għalihom fis-sistema elettronika bankarja:

    a. *Savings account* – fl-10 ta' Diċembru 2002 il-bilanċ kien ta' Lm1,700.03 (ekwivalenti għal €3,960) – dan il-kont iżda infetaħ f'Awwissu tal-1999
    b. *Fixed account (1)* – fl-10 ta' Mejju 2002 il-bilanċ kien ta' Lm500 (ekwivalenti għal €1,164.69)
    c. *Fixed account (2)* – fis-17 t'Awwissu 2001 il-bilanċ kien ta' Lm1,751.30 (ekwivalenti għal €4,079.43) – dan il-kont iżda infetaħ f'Awwissu tal-1999 u cioe' wara l-mewt ta' Arturo Meli.
    d. *Savings account* fil-munita Sterlina – fit-28 ta' Mejju 2002 il-bilanċ kien ta' £27,284.21 (ekwivalenti għal €31,020.38[28])

83. Ir-rappreżentanta tal-istess bank ippreżentat ukoll rendikonti tal-bilanċ bankarju għal kull kont fid-data tal-mewt ta' Maria Meli:

    e. *Savings account* – bilanċ ta' €4,730.66[29]
    f. *Fixed account (1)* – bilanċ ta' €1,164.69[30]
    g. *Fixed account (2)* – bilanċ ta' €4,079.43[31]

[28] Bir-rata ta' 1 GBP = 1.13657 EUR – ikkonvertita fis-27 ta' Frar 2023.
[29] Fol 174 tal-proċess.
[30] Fol 180 tal-proċess.
[31] Fol 183 tal-proċess.

h. *Savings account* fil-munita Sterlina – bilanċ ta’ £31,819.02[32] (ekwivalenti għal €36,166.29[33])

84. Ġew ippreżentati wkoll rendikonti mir-rappreżentanta tal-**Bank of Valletta plc.** Minn dawn ir-rendikonti l-Qorti ssib li f’Mejju 2019 il-bilanċ fil-kontijiet kienu hekk:

a. *Interest disposal account* – bilanċ ta’ €630.10[34]
b. *Term deposit account* – bilanċ ta’ €1,638.97[35]

**L-Assi Parafernali tal-mejta Maria Meli.**

85. L-unika proprjeta immobbiljarja mertu tal-kawża għall-finijiet tal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat hija proprjeta’ parafernali ta’ Maria Meli, il-fond 48, Luqa Road, Paola u r-remissa, l-kappella Gesu Nazzareno u l-ġnien li jinfdu mal-istess dar, liema remissa għandha bieb ieħor f’Ħal Saflieni Street flimkien ma’ żewġ garaxxijiet. Filwaqt li l-dar, r-remissa, l-kappella u l-ġnien ingħataw b’donazzjoni lill-konvenut kif spjegat aktar ‘l fuq, fl-aħħar testment Maria Meli ħalliet b’titolu ta’ legat garaxx lil Marisa Schiro (li rrinunzjat għalih) u l-akbar garaxx ħallietu b’titolu ta’ legat ukoll lil Joseph Vella.

86. Stante li l-proprjeta’ immobiljari kollha hija parafernali ta’ omm l-atturi ma tidħolx fil-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti tal-ġenituri tal-atturi.

87. Il-Qorti inkarigat lil **Perit Godwin Abela** sabiex iħejji rapport bil-valutazzjoni tal-immobbli. Fir-rapport ġie konkluż hekk:

---

[32] Fol 186 tal-proċess.
[33] Bir-rata ta’ 1 GBP = 1.13657 EUR – ikkonvertita fis-27 ta’ Frar 2023.
[34] Fol 202 tal-proċess.
[35] Fol 205 tal-proċess.

"7.01 Wara li kkunsidra l-parametri kollha hawn fuq deskritti l-esponent hu tal-fehma li l-valur tal-fond in mertu w cioe Nru. 48 Triq Hal Luqa, Paola, inkluz il-kappella, il-gnien retropost, il-garaxx Nru. 41 Triq Hal-Saflieni, Paola u l-ambjenti adjacenti mal-garaxx, li kieku mibjugh volontarjament minn sidu, fil-kundizzjoni prezenti, bhala fond vakanti, fuq is-suq miftuh u hieles, illum, hu ta' €1,000,000 (miljun ewro).

7.02 Tenut kont ta' apprezzament annwali ta' sebgha punt hamsa fil-mja (7.5%) fis-suq tal-proprjeta' fiz-zona bejn is-snin 2018 u 2020 u indici ta' inflazzjoni annwali ta' wiehed punt hamsa fil-mija (1.5%), l-esponent hu tal-fehma li l-valr tal-fond fid-data tal-mewt u cioe fis-17 t'Ottubru 2018 kien ta' €840,000 (Tmien mija w erbghin elf ewro).

7.03 L-esponent hu tal-fehma li l-garaxx bin Nru. 43 Triq Hal Saflieni, Paola, li jkopri footprint ta' cirka 18 metri kwadri, li kieku mibjugh volontarjament minn sidu, fil-kundizzjoni prezenti, bhala fond vakanti, fuq is-suq miftuh u hieles, ghandu valur ta' €50,000 (hamsin sil ewro).

7.04 Tenut kont ta' apprezzament annwali ta' sebgha punt hamsa fil-mija (7.5%) fuq-suq tal-proprjeta' fiz-zona bejn is-snin 2018 u 2020 u indici ta' inflazzjoni annwali ta' wiehed punt hamsa fil-mija (1.5%), l-esponenti hu tal-fehma li l-valur tal-fond fid-data tal-mewt u cioe' fis-17 ta' Ottubru 2018 kien ta' €42,000 (tnejn u erbghin elf ewro)."[36]

**Kalkolazzjoni tal-eredita ta' missier l-atturi**

88. **Depożiti Bankarji** (il-Qorti m'għandhiex informazzjoni speċifika ta' kemm kienu d-depożiti bankarji fil-mument tal-mewt tiegħu, iżda huwa wieħed approssimattiv kif fuq spjegat): **€33,745.75**[37] liema somma trid tinqasm fi tnejn parti appartenti lil Arturo u oħra appartenenti lil Maria Meli peress li kienu

[36] Fol 142 – 143 tal-proċess.
[37] €31,020.38 + €1,164.69 + €1,560.68

regolati bil-komunjoni tal-akkwisti. Għaldaqstant is-somma globali appartenti lil Arturo Meli f'depożiti bankarji hija ta' **€16,872.88**. Ġaladarba l-atturi bit-testment unica charta tas-16 ta' Frar 1973 ġew nominati bħala eredi universali f'sehem indaqs, l-atturi jmisshom €8,436.44 kull waħda. Mal-kontijiet bankarji jonqos li jiżdied nofs il-valur tal-assi mobbiljari u ċioe iċ-ċifra ta' **€2,267.50**. Arturo Meli ma kellux proprjeta immobbiljarja. **Somma globali ta' €19,140.38** u ċioe **<u>€9,570.19 kull wieħed mill-atturi</u>**.

**Kalkolazzjoni tal-eredita ta' omm l-atturi**

89. **Depożiti Bankarji : €32,317.60**. Il-Qorti waslet għal din iċ-ċifra bis-segwenti mod: jidher li Maria Meli kellha numru ta' kontijiet bankarji li nfetħu wara l-mewt ta' Arturo Meli b'uħud minnhom minn depożiti li kellu Arturo Meli waħdu jew flimkien ma' martu. Fid-data tal-mewt tagħha kien fihom is-segwenti depożiti: €4,730.66, €4,079.43 €630.10 u €1,638.97. Maria Meli kellha żewġ kontijiet bankarji li kienu formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u ċioe (a) il-*fixed account* li kien fih €1,164.69 u allura jrid jiġi diviż bi tnejn sabiex is-somma appartenti lil Maria Meli kienet ta' €582.34 u (b) il-kont bankarju li kien fil-munita sterlina kellu €36,166.29 fid-data tal-mewt tagħha li minnha trid l-ewwel titnaqqas is-somma ta' €31,020.38 sabiex wieħed jara x'kien l-akkrexximent f'dan il-kont wara l-mewt ta' żewġha u s-somma hija ta' €5,145.91 imbagħad il-pass li jkun imiss huwa li s-somma €31,020.38 (is-somma sal-mument tal-mewt ta' żewġha) għandha tinqasam fi tnejn u s-somma appartenti lil Maria Meli minnha hija ta' €15,510.19 u għalhekk l-ammont globali appartenti lilha minn dan il-kont huwa ta' €20,656.10. Magħhom għandhom jiżdiedu is-sehem mill-mobbli li huwa ta' **€2,267.50**. Stante li l-propjeta immobbiljarja hija propreta parafernali t'omm l-atturi għandhu jiżdied ma' din il-komputazzjoni l-valur tal-istess proprjeta fil-

mument tal-ftuħ tas-suċċessjoni. Kif ġia ritenut fi kwestjonijiet ta' qsim ta' wirt għandu jittieħed qies tal-valur tal-ishma filwaqt li fih tinfetaħ is-successoni.

90. Il-Perit Abela vvaluta d-dar, il-kappella, il-ġnien u l-garaxx Nru 41 fis-somma ta' **€840,000**, filwaqt li l-garaxx Nru 43 kellu valur ta' **€42,000,** dejjem fil-mument tal-ftuħ tas-suċċessjoni. Is-somma globali tal-assi li jifformaw il-massa ereditarja ta' Maria Meli konsistenti fir-Relictum + Donatum huwa ta' **€916,585.10** fejn terz tal-beni huwa **€305,528.37.**

**<u>Seħħet Leżjoni tas-Sehem Disponibbli u allura tas-Sehem Riżervat tal-Atturi</u>.**

91. **Huwa evidenti li bid-donazzjoni li t-testatriċi għamlet matul ħajjitha lill-konvenut Vella bis-saħħa ta' kuntratt ta' donazzjoni ippubblikat min-Nutar Sharon Faith Farrugia fit-28 ta' Ġunju 2013 ddisponiet aktar mis-sehem disponibbli biex b'hekk seħħet leżjoni tas-sehem riżervat lill-atturi stante li fil-mument tal-mewt ta' Maria Meli ma kienx hemm assi biżżejjed fil-pussess tagħha sabiex jagħmlu tajjeb għall-ħlas tas-sehem riżervat. Japplika għalhekk Artikolu 1813 tal-Kap. 16 li jipprovdi illi jekk fiż-żmien li tinfetaħ is-suċċessjoni tad-donatur jinsab li d-donazzjonijiet jaqbżu s-sehem tal-beni li d-donatur seta' jiddisponi minnu, jiġu mnaqqsa sa dak is-sehem.**

**Ħlas tas-sehem riżervat**

92. Ġaladarba l-Qorti stabbilit leżjoni tal-porzjon riservat, is-sehem riżervat tal-atturi jrid jiġi valutat bil-prezz l-aktar qrib din is-sentenza u cioe' **€1,000,000** fuq id-dar, kappella, ġnien u garaxx Nru 41 u **€50,000** għal garaxx bin-numru 43. Dan in linea mal-ġurisprudenza li trid illi:

"Dan il-principju jezawrixxi ruhu fil-fissazzjoni tal-kriterju li ghandu jigi segwit ghall-kalkolu tal-valur tal-assi u talkwota tal-legittima; izda jekk il-legittima ma gietx sodisfatta u, trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruha, fil-kazijiet fejn dan hu konsentit mil-ligi, fi dritt ta' kreditu fi flus id-dritt tal-legittimarju ghandu bhala oggett "un bene reale" u l-"aestimatio rei" ghandha tkun riferita ghaz-zmien tal-konversjoni, cioe` z-zmien l-iktar qrib possibbli ghall-pronunzja gjudizzjali u tenut kont ghalhekk ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja." (**Salvatore Cutajar et. v. Maria Dolores Cutajar et.** - Qorti tal-Appell Superjuri - 26 ta' Ġunju, 2009).

93. Bl-istess mod ġie ritenut fis-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet **Angelo Zerafa et vs. Michelina Azzopardi** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Marzu 2020:

31. Illi fi kwestjoni li tolqot il-likwidazzjoni tas-sehem riżervat huwa ġudizzjarjament stabilit li l-kriterju tal-valutazzjoni tal-ġid kellu jkun dak ta' kemm kien jiswa tali ġid fiż-żmien li nfetaħ il-wirt u fil-kundizzjoni li tali ġid kien dak iż-żmien, u b'mod iżjed preċiż: "*li, għall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta' komputa li hija r-riunjoni fittizja tal-assi ereditarju in kwantu diretta għar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decuius (li l-liġi tikkunsidra bħala terminu ta' riferiment għad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless ta' dik indisponibbli, anke biex talvolta tiġi affermata jew eskluża l-eżistenza tal-leżjoni tal-leġittima)* ***bilfors*** *wieħed irid jirriporta ruħu għall-valuri fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni, tenut kont, naturalment, f'dan ir-rigward, tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi relattivi għall-kollazzjoni". Iżda, "jekk il-leġittima ma ġietx sodisfatta u, trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruħha, fil-każijiet fejn dan hu konsentit mil-liġi, fi dritt ta' kreditu fi flus, id-dritt tal-leġittimarju għandu bħala oġġett "un bene reale" u l-"aestimatio rei"* ***għandha tkun riferita għaż-żmien tal-konverżjoni,*** *cioe` ż-żmien l-iktar qrib possibbli għall-pronunzja ġjudizzjali u tenut kont għalhekk* ***ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja****"*[ App. Ċiv. **10.12.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Conċetta Vella et vs Giuseppe Buġeja et*** (mhix pubblikata)]

[…]

34. Illi l-fatt li l-atturi appellanti jgħidu li ladarba huma irrinunzjaw għal kollox għall-wirt, irrinunzjaw ukoll għal-legat, ma jfissirx li b'daqshekk il-ħaġa li kienet tħallitilhom b'legat ma tibqax tgħodd biex tingħatalhom bi ħlas tas-sehem riżervat spettanti lilhom.

[...]

"36. ........ma tarax li għandha tfixkel id-diskrezzjoni mħaddma mill-ewwel Qorti meta "assenjat" lill-atturi appellanti l-fond fi Triq Sant'Antnin b'sehemhom mil-leġittima, flimkien mal-ekwiparazzjoni stabilita fl-istess sentenza. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha torbot il-likwidazzjoni tal-valur tas-sehem riżervat magħmula mill-ewwel Qorti mal-kwestjoni tal-inċertazza tal-ammont ta' rikavat li l-fond jista' jġib jekk u meta jinbiegħ b'irkant, jew trasferit mod ieħor mill-atturi appellanti. L-għan ta' sentenza huwa li jtemm il-pendenzi bejn il-partijiet u mhux iħallihom fi stat ta' inċertezza. Il-biżgħa tal-atturi appellanti li f'każ li jitfgħu l-post f'irkant ġudizzjarju ma jġibx il-prezz li bih stmah il-perit ġudizzjarju ma jwassalx b'daqshekk għall-ħolqien ta' jedd li l-appellata "tissussidjahom" fuq in-nuqqas tal-istess rikavat. Hekk ukoll f'każ li l-appellanti jseħħilhom iġibu rikavat ogħla għall-post minn dak li stmah il-perit, ma jobbligahomx jirrifondu lill-appellata dak l-eċċess;"

94. **Fuq l-iskorta tas-sentenzi ċitati u b'applikazzjoni ta' Artikolu 616 (1) tal-Kodiċi Ċivili, il-valur ta' terz tal-beni tat-testatriċi Maria Meli riuniti b'mod fittizju huwa fis-somma ta' €361,528.37. <u>Jirriżulta għalhekk li s-sehem dovut lill-atturi bħala porzjon riservat huwa fis-somma ta' mija u tmenin elf, seba' mija u erbgħa u sittin ewro u tmintax-il ċenteżmu (€180,764.18) kull waħda minnhom</u>.**

95. Kif rajna, fil-mori tal-kawża l-konvenut Joseph Vella irrinunzja għall-wirt ta' Maria Meli tant li fuq talba tal-atturi l-Qorti innominat kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredita' ġjaċenti ta' Maria Meli.

96. Minħabba li kien hemm dan l-iżvilupp fil-kors tas-smiegħ tal-kawża l-Qorti ser tapplika l-prinċipju tal-*ius superveniens*[38] fis-sens illi ġialadarba fil-mori tal-kawża l-konvenut Vella irrinunzja għall-eredita' ta' Maria Meli, għandu

---

[38] Ara **Camcas Limited v. Michael Farrugia** - Appell Superjuri - 4 ta' Mejju, 2022.

jirrispondi għat-talbiet attriċi qua donatarju tal-istess donazzjoni mertu tal-kawża leżiva tas-sehem riżervat tal-atturi.

97. **Għalhekk ai termini tal-Artikolu 1813 tal-Kap. 16 qed tnaqqas id-donazzjoni magħmula minn Maria Meli lill-konvenut Vella bis-somma ta' €361,528.37. Din is-somma għandha titħallas lill-atturi fl-ewwel lok mir-rikavat tal-bejgħ tal-garaxx numru 43, Triq Ħal Saflieni, Paola u mill-flus appartenenti lil Maria Meli li kienu jinsabu depożitati mal-Bank of Valleta plc u mal-HSBC Bank Malta plc. Fit-tieni lok il-bilanċ tas-sehem riżervat jitħallas mill-immobbli donat sakemm il-konvenut Joseph Vella qua donatarju ma jużufruwiex ruħu mill-fakolta mogħtija permezz tal-Artikolu 653 tal-Kap. 16 moqri flimkien mal-Artikolu 1819 tal-Kap. 16.**

98. Il-Qorti, għalhekk sejra tibda billi tordna l-bejgħ tal-garaxx numru **43, Triq Ħal Saflieni, Paola,** stmat mill-perit tekniku €50,000.00.

99. Bl-aħħar testment ta' Maria Meli ġie mħolli b'legat lill-konvenut Vella garaxx illum iġib in-numru 41. Fil-verita' dan il-garaxx huwa r-remissa li tissemma fl-att ta' donazzjoni. Isegwi għalhekk illi dan il-legat m'għandux effett.

100. Rilevanti f'dan l-istadju li jsir aċċenn għall-**Artikolu 1818 tal-Kodiċi Ċivili**::

> "It-tnaqqis tad-donazzjonijiet ma jsirx ħlief wara li ma jkun fadal xejn iżjed mill-valur tal-beni kollha mdaħħlin fit-testment; u kemm-il darba dan it-tnaqqis ikollu jsir, għandu jibda jsir mill-aħħar donazzjoni u hekk waħda wara l-oħra, billi wieħed jitla' minn tal-aħħar għal dawk ta' qabel."

Miegħu jrid jinqara wkoll l-**Artikolu 1819**

"1819. Ir-radd tal-ħaġa taħt id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan, isir bir-radd tal-ħaġa nfisha, bla ħsara ta' dak li jingħad fl-artikolu 653"

101. Bis-saħħa ta' dawn il-provvedimenti, meta ma jkunx fadal aktar assi sabiex isir il-ħlas tas-sehem riżervat, il-Qorti għandha ddur għal dak li ġie donat, f'ordni li l-ewwel jitnaqqas dak li ingħat l-aħħar b'donazzjoni. F'dan il-każ huwa ċar li l-proprjeta bin-numru 48, fi Triq Luqa, flimkien mar-remissa (garaxx numru 41), kappella u ġnien ġew donati lill-konvenut b'kuntratt ta' donazzjoni waħda.

102. In tema legali tagħmel referenza għad-digriet fl-ismijiet **Peter Paul Engerer vs. Nicholas Engere**r mogħti minn din il-Qorti diversament presjeduta (118/15JRM) fit-2 ta' Marzu 2015. Għalkemm dan huwa digriet wara li ġie intavolat rikors għall-ħruġ ta' Mandat t'Inibizzjoni, l-insenjament hemm mogħti japplika għall-każ odjern:

"Tqis li ladarba r-rikorrenti iddikjaraw espressament li l-għan tagħhom għall-ħruġ tal-Mandat huwa li jikkonservaw l-assi tal-wirt ta' ommhom ħalli jkunu jistgħu jissoddisfaw il-pretensjoni tagħhom għas-sehem riżervat dovut lilhom mill-istess wirt, il-pretensjoni ma tistax titqies biss bħala waħda ta' kreditu, imma titlob li l-ħaġa nnifisha – f'dan il-każ l-appartament – tinżamm bla mittiefsa. Għaliex hija dik il-ħaġa nnifisha li jkollha terġa' tiddaħħal lura fl-assi tal-wirt, jekk tabilħaqq joħroġ li d-donazzjoni magħmula minn omm ir-rikorrenti kienet taqbeż is-sehem li hija setgħet tiddisponi minnu bi ħsara tal-jedd tagħhom għas-sehem riżervat."

103. B'referenza għall-**Artikolu 653 tal-Kodiċi Ċivili** l-Qorti tqis illi l-proprjeta' donata għandha titħalla fl-intier tagħha u mhux tiġi diviża, b'mod partikolari minħabba l-arkitettura vernakulari tagħha li timmerita li tiġi protetta bħala entita' immobiljari waħda.

104. **Fir-rapport tiegħu l-Perit Tekniku Godwin Abela kkalkula li l-proprjeta kollha inkluż bil-garaxx numru 41, r-remissa u l-kappella għandha *footprint* ta' ċirka 612 metri kwadri u l-prezz li ta għal din il-proprjeta kien ta' €1,000,000.**

105. Għaldaqstant, tenut kont li l-bejgħ tal-garaxx 43, Triq Ħal Saflieni, Paola, mhux ser ikun biżżejjed sabiex jiġi sodisfatt is-sehem riżervat dovut lill-atturi, il-Qorti ser tordna li jinbiegħ ukoll il-fond donat lill-konvenut Vella permezz ta' liema donazzjoni ġie leż is-sehem riżervat dovut lill-atturi; kemm-il darba l-konvenut Vella ma jħallasx id-differenza bejn il-quantum tas-sehem riżervat komplessiv tal-atturi fuq naħa, u r-rikavat mill-bejgħ tal-garaxx numru 43 u l-flejjes depożitati fil-banek appartenenti lid-decuius fuq in-naħa l-oħra.

106. Il-konvenut kien inizzjalment laqa' għat-talbiet atttriċi b'eċċezzjoni unika li ma kienx il-leġittimu kontradittur. Peress li din l-eċċezzjoni ma ġietx irtirata jeħtieġ li tiġi deċiża. Meta l-kawża odjerna ġiet intavolata fl-20 ta' Mejju 2019 il-konvenut Vella kien suċċessibbli għall-wirt ta' Maria Meli. Għalhekk m'għandux ikun hemm dubju li f'dak il-mument kellu l-leġittimita' passiva fl-azzjoni mressqa mill-atturi. Għalkemm fil-mori tal-kawża irrinunzja għall-wirt de quo, ma ġietx nieqsa l-leġittimita' passiva tiegħu in kwantu huwa wkoll id-donatarju tad-donazzjoni leżiva tad-drittijiet tal-atturi u għalhekk ukoll jibqa' l-leġittimu kontradittur. L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Vella qed tiġi għalhekk respinta.

**Imgħax**

107. Is-**sub-artikolu 2 tal-Artikolu 615 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi hekk:

"[...] Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:

Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139."

108. Ir-rata ta' imgħax imsemmija tl-Artikolu 1139 hija ta' tmienja fil-mija (8%).

109. Il-ftuħ tas-suċċessjoni ta' Maria Meli seħħet fil-jum tal-mewt tagħha u ċioe' fis-17 ta' Ottubru, 2018.[39] Il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għaliex ma għandiex takkorda imgħax jew għaliex għandha takkorda imgħax f'rata anqas. Kienet id-donazzjoni lill-konvenut Vella li waslet għal-leżjoni tas-sehem riżervat dovut lill-atturi; leżjoni li kienet manifesta fil-jum li seħħet id-donazzjoni tenut kont l-eta' avvanzata li kellha Maria Meli meta tat id-donazzjoni lill-konvenut Vella. Tant li l-konvenut Vella żamm id-donazzjoni mistura minn ommu sew qabel mietet Maria Meli kif ukoll wara li mietet. Kien biss mingħand in-nutar inkarigata wara l-mewt ta' Maria Meli li l-atturi saru jafu li ommhom iddonat matul ħajjitha l-assi immobiljari prinċipali li kellha lill-konvenut. Il-Qorti tqis illi l-kreditu ta' l-atturi kontra l-eredita' ta' ommhom għandu jitħallas bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni u ċioe' mis-17 ta' Ottubru, 2018 sad-data tal-effettiv pagament.

**Spejjeż**.

[39] **Art. 831 Kap. 16**: "Is-suċċessjoni tinfetaħ kif tiġri l-mewt,,,,,"

110. Tenut kont illi l-leżjoni tas-sehem riżervat tal-atturi seħħet minħabba d-donazzjoni massiċċa li saret lill-konvenut Vella, l-Qorti tqis illi l-ispejjeż tal-kawża odjerna għandhom jiġu akkollati fuq l-istess konvenut Joseph Vella.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. **Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut;

2. **Tilqa'** l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet attriċi;

3. **Tillikwida** u tiddividi l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn id-defunti Arturo u Maria konjuġi Meli fl-assi kif murija taħt is-sezzjoni **Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti**;

4. **Tassenja** s-sehem likwidat mill-assi tal-mejjet Arturo Meli lill-atturi nofs kull wieħed kif muri taħt is-sezzjoni **Kalkolazzjoni tal-eredita ta' missier l-atturi** u cioe' s-somma ta' €9,570.19 lill-attriċi Maria Carmela Vella u s-somma ta' €9,570.19 lill-attriċi Marisa Stella Schiro'.

5. **Tiċħad** ir-raba' talba stante li fil-mori tal-kawża[40] l-konvenut irrinunzja għall-wirt tal-mejta Maria Meli;

6. **Tilqa'** l-ħames talba, tillikwida s-sehem riżervat spettanti lill-atturi fuq il-wirt ta' ommhom Maria Meli skond kif kalkolat fis-sezzjoni **Kalkolazzjoni tal-eredita ta' omm l-atturi** u cioe', lill-attriċi Maria Carmela Vella fl-ammont ta' mija u tmenin elf, seba' mija u erbgħa u sittin ewro u tmintax-il ċenteżmu

[40] Fl-1 ta' Lulju, 2019.

(€180,764.18) bl-imgħax bi tmienja fil-mija (8%) fis-sena mis-17 ta’ Ottubru, 2018 sad-data tal-effettiv pagament, u lill-attriċi Maria Stella Schiro’ fl-ammont ta’ mija u tmenin elf, seba’ mija u erbgħa u sittin ewro u tmintax-il ċenteżmu (€180,764.18) bl-imgħax bi tmienja fil-mija (8%) fis-sena mis-17 ta’ Ottubru, 2018 sad-data tal-effettiv pagament, b’kollox tlett mija u wieħed u sittin elf, ħames mija u tmienja u għoxrin ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€361,528.36) oltre l-imgħax legali.;

7. **Tiddikjara** illi d-donazzjoni magħmula minn Maria Meli lill-konvenut Joseph Vella bis-saħħa ta’ att pubbliku tat-28 ta’ Ġunju, 2013 in atti Nutar Sharon Faith Farrugia qabżet is-sehem disponibbli ta’ Maria Meli u illedit is-sehem riżervat tal-atturi b’dan illi għandha titreġġa lura fil-massa ereditarja tad-defunta Maria Meli kemm-il darba ma jsirix il-ħlas għas-saldu tas-sehem riżervat lill-atturi skond kif deċiż hawn taħt f’paragrafu 11 tad-decide;

8. **Tordna** l-bejgħ b’sub hasta tal-garaxx 43, Triq Ħal Saflieni, Paola.

9. **Tordna** li r-rikavat tal-bejgħ b’sub hasta tal-garaxx 43, Triq Ħal Saflieni, Paola, jiġi mogħti lill-atturi nofs kull waħda minnhom akkont tas-sehem riżervat lilhom dovut kif fuq deċiż;

10. **Tordna** li l-flejjes kollha depożitati mal-Bank of Valletta plc u mal-HSBC Bank Malta plc f’isem id-defunti Arturo u Maria konjuġi Meli sew jekk individwalment sew jekk f’kontijiet f’isimhom it-tnejn jiġu assenjati lill-atturi nofs kull waħda minnhom akkont tas-sehem riżervat lilhom dovut kif fuq deċiż;

11. **Tordna** l-bejgħ b’sub hasta tal-fond tmienja u erbgħin (48), Triq Ħal Luqa, Paola, bil-kappella, bil-ġnien u l-ġaraxx numru wieħed u erbgħin (41), Triq Ħal Saflieni, Paola, sabiex mir-rikavat jitħallas lill-atturi l-bilanċ tas-sehem riżervat lilhom

spettanti wara li jitħallsu l-akkonti fuq imsemmija. Il-bilanċ mir-rikavat jiġi mgħoddi lill-konvenut Joseph Vella; **b'dan illi** tali bejgħ ma għandux iseħħ jekk kemm-il darba l-konvenut Joseph Vella jużufruwixxi ruħu mill-fakolta' mogħtija bl-artikolu 653 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u jħallas lill-atturi l-imsemmi bilanċ dovut sa mhux aktar tard minn tlett xhur mid-data tal-bejgħ b'sub hasta tal-garaxx numru 43, Triq Ħal Saflieni Paola. B'hekk tiddisponi mis-sitt talba attriċi.

**Bl-ispejjeż** kontra l-konvenut Joseph Vella.

**Moqrija.**

**Robert G. Mangion**

**Imħallef**

16 ta' Marzu 2023

**Lydia Ellul**

**Deputat Registratur**